# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-IMĦALLEF
## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,

## Illum, 12 ta' Diċembru 2023

**Rikors Ġuramentat Nru: 143/17AL**

**Fl-ismijiet:**

**A B**

**Vs**

**C B**

**(M.R. Numru: 1918/1988)**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors Ġuramentat[1] tal-attriċi A B li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *... Illi l-kontendenti żżewġu fil-15 ta' Ottubru tas-sena 1988 (Dokument A anness) u miż-żwieg tagħhom kellhom tlett it-tfal,* ***D B*** *li twieled fl-10 ta' Marzu 1990 (Dokument B anness) u għalhekk illum għandu sebgħa u għoxrin (27) sena,* ***E F B*** *li twieled fl-24 ta' April 1992 (Dokument C anness) u għalhekk illum għandu ħamsa u għoxrin (25) sena u* ***G B*** *li*

[1] Fol 1

*twieled fit-22 ta' Jannar 1999 (Dokument D anness) u għalhekk illum għandu tmintax-il sena;*

2. *Illi l-ħajja miżżewwġa bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba moħqrija, sevizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attriċi u/ jew minħabba li l-ħajja miżżewwġa bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;*

3. *Illi kienet l-imġieba tal-konvenut li rrendiet il-ħajja matrimonjali impossibbli kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. Il-konvenut huwa bniedem kontrollanti u dominanti u minħabba l-aġir tiegħu, iż-żwieġ tal-partijiet sfaxxa;*

4. *Illi l-esponenti ippruvat tasal għal ftehim bonarju, iżda l-konvenut ma riedx jasal fi ftehim.*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għall-rikonciljazzjoni bejn il-partijijet u in vista tal-intransiġenza tal-konvenut li jersaq għal ftehim bonarju, kellha issir din il-kawża li tagħha l-esponenti ma għanda tbagħti ebda spejjeż u liema spejjeż għandhom jiġu assunti mill-konvenut;*

6. *Illi l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti it-2 ta' Mejju 2017 (Dokument E anness).*

***TALBIET***

*GĦALDAQSTANT JGĦID IL-KONVENUT L-GĦALIEX:*

1. *M'għandiex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta' moħqrija, sevizzi, eċċessi, minaċċi, u inġurji gravi kommessi kontra l-esponenti u/jew minħabba liż-żwieġ tkisser irrevokabilment.*

2. *M'għandiex din l-Onorabbli Qorti tillikwida retta alimentarja adegwata għall-binhom G B, li huwa student li qiegħed jipparteċipa f'edukazzjoni full-time, u dan skond il-Liġi tenut kont il-mezzi u l-kondizzjonijiet tal-partijiet, kif ukoll il-kondizzjonijiet imfissra fl-artikolu 54(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-konvenut jħallas dik ir-retta hekk stabbilita b'dawk il-modalitajiet kollha xierqa inkluż li jgħola perjodikament b'żieda li għandha tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja kif provdut fl-artikolu 54(4) tal-Kap 16 tal-Liġiijiet ta' Malta.*

3. *Mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, m'għandiex din l-Onorabbli Qorti minflok tillikwida retta alimentarja perjodika għall-esponenti in toto jew in parte, f'każ illi jirriżulta li dan mhux possibli għall-konvenut tordna illi s-sehem spettanti lilu mill-komunjoni tal-akkwisti tiġi assenjata lill-attriċi bħala ħlas ta' dak li hu rappreżentanti tal-manteniment bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 54(5), (6), (7) u (8) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *M'għandhomx jiġu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjoniet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta in toto jew in parte;*

5. *M'għandiex din il-Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess kommunjoni;*

6. *Tassenja lill-attriċi l-beni parafernali tagħha u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attriċi l-beni parafernali kollha tagħha;*

7. *Tiddikjara illi d-dar ta' residenza tal-kontendenti m'għandux aktar titqies bħala d-dar matrimonjali u tordna lill-konvenut sabiex sa mhux aktar tard mid-data tas-sentenza jivvaka minnha;*

8. *Tordna lill-konvenut sabiex, sa mhux aktar tard mid-data tas-sentenza jivvaka minn kull proprjeta appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti, sabiex b'hekk din tkun tista tiġi assenjata jew likwidata liberament;*

9. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaċi;*

10. *Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku għall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

***BL-ISPEJJEŻ*** *inkluż dawk tal-proċeduri kollha inkorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti, kontra l-konvenut inġunta minn issa stess in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi[2] u d-dokumenti esebti;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B[4] li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. *Illi hekk kif indikat fir-rikors ġuramentat tal-attrici, l-kontendenti żżewġu fil-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija tmienja u tmenin (1988) mill-liema żwieġ twieldu tlett (3) itfal, D B, E F B u G B li għadu jistudja full time ;*

2. *Illi primarjament l-allegazzjonijiet tal-attriċi huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u mhux veritiera u huma biss attentat sabiex l-attriċi tipprova ssib raġuni u tiġġustifika għaliex qegħda titlob is-separazzjoni personali;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-esponenti l-ewwel li ried huwa li jsalva ż-żwieġ bejn il-kontendenti;*

4. *Illi ġaladarba l-attriċi tibqa` tinsisti li l-partijiet għandhom jisseparaw l-intimat m'għandux oġġezzjoni li din l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti iżda għar-raġuni li r-rikorrenti hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ;*

5. *Illi hija l-istess rikorrenti li rrendiet il-ħajja matrimonjali impossibbli u dana bl-imġieba tagħha u fil-komportament taghha fil-konfront tal-intimat u b'nuqqas ta' rispett u bil-komportament tagħha ma' terzi;*

6. *Illi l-attriċi hija persuna li taħdem reduced hours, għandha introjtu regolari li huwa aktar mill-paga minima u barraminnhekk hija persuna kapaċi u tista' anke taħdem full time, għaldaqstant hija kapaċi li tmantni lilha nniffisha u anke tikkontribwixxi għall-manteniment ta' binhom G B;*

7. *Illi rigward G B li għandu tmintax (18) -il sena u jistudja full time, dana huwa f'posizzjoni li jagħzel huwa fejn u ma' min jgħix u anke jista' jgħix għal rasu*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għal premess l-attur*[5] *ma għandu l-ebda oġġezzjoni li l-propjeta` parafernali tiġi assenjata lill-partijiet u l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali b'dana pero` li dina l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni esklussivament li huwa investa fil-propjeta` parafernali tal-attriċi;*

---

[2] fol 4
[3] fol 5 sa 12
[4] Fol 18
[5] verbatim

9. *Illi ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-konvenut għandu joħroġ mid-*dar *matrimonjali sakemm il-partijiet jiġu assenjati sehemhom formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew jekk ikun il-kaz il-propjeta` u/jew id-dar matrimonjali jinbiegħu lil terzi;*

10. *Illi in vista tal-premess l-intimat ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jidher għal publikazzjoni tad-divizjoni tal-assi bejn il-partijiet;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa hija nġunta għas-*subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;[6]

Rat id-digriet tat- 2 ta' Marzu 2017 li permezz tal-istess ingħata l-awtorizazzjoni sabiex jipproċedu b'din il-kawża;

Rat l-affidavit tal-attriċi[7] u d-dokumenti esebiti mal-itess; [8]

Rat il-verbal tal- 21 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien, illum Maġistrat, bħala assistent ġudizzjarju biex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża;

Rat ir-rikors[9] tal-attriċi tal-15 ta' Diċembru, 2017, ir-risposta[10] tal-intimat tat-8 ta' Diċembru, 2019 u d-digriet tal-11 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar bħala manteniment għat-tifel G B, oltre` nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tiegħu;

Rat ir-rikors tal-attriċi[11] tal- 15 ta' Ġunju, 2019 rigward talba sabiex isir:

-il-valutazzjoni tal-proprjetajiet immobli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti lenkatit minnha fir-rikors;

- il-valutazzjoni tal-benefikati li għamel il-konvenut fis-snin 1986 u 1987 fid-dar matrimonjali.

---

[6] fol 19 - 20

[7] fol 23 – 33

[8] fol 34 sa 75

[9] fol 463

[10] fol 467

[11] fol 536

Rat ir-risposta tal-konvenut[12] tal-1 ta' Frar, 2019 u d-digriet tal-5 ta' Frar, 2019 fejn il-Qorti laqgħet it-talba *ai termini* tar-rikors tal-atriċi u għal dan il-għan ġie nominat il-Perit Robert Musumeci.[13]

Rat ir-rikors b'urġenza tal-attriċi[14] tat-8 t'April, 2019 wara d-digriet tal-Qorti tat-2 ta' April 2019, ir-risposta tal-konvenut tas- 16 t'April, 2019[15] u d-digriet tat- 23 t'April, 2019;

Rat ir-rikors tal-attriċi tat- 12 ta' Ġunju, 2019[16], ir-risposta tal-konvenut tal-24 ta' Ġunju[17], 2019 u -digriet tas-26 ta' Ġunju, 2019[18];

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Robert Musumeci;

Rat ir-rapport tal-perit komputista William Spiteri Bailey;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti, id-digrieti u l-atti kollha;

Rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-lum;

## <u>Ikkunsidrat</u>

### Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;

[12] fol 541
[13] fol 543
[14] fol 574
[15] fol 583
[16] fol 589
[17] fol 600
[18] fol 598

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas manteniment għaliha personalment u għall-binha G B;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u konsegwentament tillikwida u tassenja ukoll l-assi u krediti parafernali lill-attriċi;

5. Tassenja lill-attriċi l-beni parafernali tagħha u tordna lill-konvenut sabiex jirritornalha l-beni parafernali tagħha;

6. Tiddikjara 'lli d-dar ta' residenza tal-partijiet m'għandhiex aktar titqies bħala d-dar matrimonjali, u sabiex tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mill-istess;

7. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mill kull proprjeta` oħra appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti sabiex tiġi likwidata u assenjata liberament;

8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eventwali kontumaċi;

9. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Illi l-konvenut laqa' t-talbiet tal-attriċi fejn *inter alia* jiċħad li huwa responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ tal-partijiet u jsostni li hija l-attriċi li hija unikament responsabbli hekk kif jirriżulta mir-risposta ġuramentata tiegħu. Il-konvenut ma ppreżentax kontro-talba.

Verżjoni tal-Attriċi u l-provi mressqa minnha

**L-Affidavit tal-attriċi**[19]

Fl-Affidavit tagħha l-attriċi tagħti l-verżjoni tagħha tal-għerusija u ż-żwieġ li fis-suċċint jagħti stampa ta' ħajja fejn għexet taħt il-kontroll, dominanza u abbuż

[19] Fol 23-33

psikoloġiku ta' żewġha. Skont dak li tgħid l-attriċi dwar żewġha, hija tpinġih bħala bniedem żorr, stramb u egoist. Hija tibda billi tgħid li ltaqgħu ġewwa diskoteka meta kellha biss sbatax (17)- il sena u l-konvenut kellu għoxrin (20) sena. Kien l-ewwel boyfriend *steady* li kellha u dak iż-żmien hi ma kenitx taħdem għax hekk kienu jifmuha l-ġenituri tagħha, filwaqt li ħutha s-subien kienu jaħdmu ma' missierhom fil-*farm* tal-baqar. Missierha kien jaf il-familja tal-konvenut u għalhekk mill-ewwel daħal għandhom. Kienu żminijiet differenti fejn il-mezzi ta' komunikazzjoni kienu li kienu u tgħid:

*"Konna nillitikaw ta' spiss fuq ħafna affarijiet. Jien kont naħseb illi dan kien normali u li koppji oħra kien ikollhom xi jgħidu ta' spiss bħalna. Kont dejjem nagħmel l-ewwel pass jien sabiex nirrangaw għaliex ngħid li sfortunatament H kien supperv. Fil-bidu kollox kien jidher sabiħ, konna noħorġu u nmorru postijiet ta' divertiment u dan għalija kien żvog għaliex mill-bqija kont dejjem ġewwa."*[20]

Xehdet li wara erba` (4) snin bdew jaħsbu bis-serjeta` għall-futur iżda qatt ma kien hemm proposta ta' żwieġ. Tkompli li missierha taha biċċa art Ħal Lija sabiex jibnu d-dar fuqha u tgħid li l-konvenut:

"*ħa l-inkariku li jieħu ħsieb il-bini tad-dar. Il-bini tad-dar beda miexi pjuttost ritmu mgħaġġel, iżda nżid li l-bini tela kif riedu H u mhux kif ridtu jiena għalkemm l-art kienet tiegħi ...*
*-omissis-*

*Bħal f'kollox ma tax każ dak li ridt jien.*
*Anki f'dak li kien jirrigwarda l-mili tad-dar, kollox kif ried H. Jien kont nesprimi x-xewqat u l-gosti tiegħi iżda kollox jien jibqa' f'wiċċi għax dejjem kienet tgħaddi tiegħu"* u fl-affidavit tagħha tagħti eżempji, iżda tkompli : "*u safrattant ħallset kollox il-mama tiegħi."*

Iżżewġu fil-15 t'Ottubru, 1988 ħadet ħafna pjaċir fit-tieġ tagħha, bil-familji rispettivi tagħhom kollha preżenti.
"*Li kien dejjaqni ħafna dakinhar kien il-fatt illi wara t-tieġ konna spiċċajna n-Night Club tal-Hilton u hemm waqt li konna qed nieħdu drink ġie fuqi raġel anzjan u ried bilfors li niżfen miegħu. Jien kont iddejjaqt ħafna speċjalment għaliex H ma qalx kelma waħda u jien spiċċajt niżfen ma' dan ir-raġel fil-ġurnata tat-tieġ tiegħi."*

Tkompli li l-problemi bdew mill-ewwel – waqt reception li kellhom ftit wara li ġew lura mill-honeymoon spiċċat waħedha għax skontha l-konvenut mar jixrob

[20] fol 23

ma' ħbiebu: "*meta morna lura d-dar niftakar kont infqajt nibki. Għamilt il-lejl nibki waħdi, imbagħad filgħodu ġie lura u jiena lqajtu.* "[21]

Tgħid li sena wara ż-żwieġ ħarġet tqila u f'Marzu 1990 twieled l-ewwel wild tagħhom, ma qablux fuq l-isem u għaddiet ta' żewġha għax irreġistrah hu u semmih D. "*Jien iddispjaċini ħafna fuq hekk. Ma stajtx nirraġuna miegħu, kif jgħid hu jew xejn."*[22]

Skont l-attriċi huwa kien igorr għax kienet taqta' ħafna ħin għand ommha iżda tkompli li ma kellux għalfejn igorr għax hu kien jagħmel li jrid u hi toħroġ biss nhar ta' Ħadd miegħu – quddies imbagħad għand ommu.

Tispjega li t-tieni wild, E twieled f'April tas-sena 1992 u minn hemm bdiet tinnota li żewġha ma tantx kien qed jagħti kasha: *"Irrid ngħid illi tul is-snin taż-żwieġ, jien qatt ma ħassejt dak il-feeling sabih u dik is-sigurta ta' mara miżżewġa fi ħdan żewġha. Għal kull ħaġa ta' xejn anke jekk sempliċement ma jogħġbux l-ikel kien jissuppervja u jitla il-fuq jew jitlaq il-barra. Kif nipprova niftaħ ħalqi malajr jibda jgħajjat. U iktar kemm jien nobgħod il-ġlied u ngħidlu biex ma jgħajjatx iktar kien isemma leħnu."*[23]

Tgħid li qabel iż-żwieġ huwa kien jaħdem ma' missieru fejn kienu jġibu l-ġwież u tgħid li meta hu u ħutu ġew biex ikabbru n-negozju tagħhom riedha tagħmel tajjeb bid-dar – spiċċat marret għand nutar biex tifhem dak li riedha tagħmel. Kompliet tgħid li kien jagħtiha flus bl-eżatt ma jgħidilha xejn dwar dak li jagħmel fin-negozji li kellu ma ħuh u mar-raġel t'oħtu u tkompli: "*lili kien jgħidli biss dak li jaqbel lilu sabiex nagħmel tajjeb għad-dejn b'dari."*[24]

It-tielet wild tagħhom, ċioe` G twieled fit- 2 ta' Jannar, 1999 u fl-istess perjodu tgħid li l-konvenut beda negozju ma' ħutha – PAS Limited – liema kumpannija kienet tixtri l-art u tibniha. Damu sejrin mhux ħazin sakemm ħuha I infurmaha li kellhom l-inkwiet mal-konvenut minħabba kif kien qed juża ħazin il-flus tal-kumpanija. Infurmaha li kellhom jdaħħlu avukati fin-nofs. Minn naħa tiegħu l-konvenut ċaħad kollox u tkompli: "*Tant kemm kont abbużata mentalment minn H li għamilt żmien twil nemmnu. Iżda kif bdejt nara li ħuti pproċedew bl-avukat u riedu saħansitra jdaħħlu l-pulizija, indunajt illi s-sitwazzjoni ma kenitx kif kien qiegħed ipinġiha H. Darba minnhom wara ġlieda kbira bqajt ninsiti ma' H sabiex jgħidli kemm kien ħa flus u hu qalli li kien ħa xi ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin*

[21] fol 24
[22] fol 24
[23] fol 25
[24] fol 25

*(Lm25,000). Biex insolvu l-problema kellhom jidħlu l-avukati u ftehmna li ħuti kellhom jżommu l-kumpanija kollha bil-proprjeta kollha li kien fiha."*[25]

Tispjega l-effetti u l-konsegwenzi neBtivi li dan l-episodju kellu fuqha, u li għat-tieni darba kkunsidrat is-separazzjoni - l-ewwel darba wara t-twelid tat-tieni wild, u tkompli: *"naturalment dan kollu ġab miegħu inkwiet u ġlied kbir bejni u bejn H. Kelli xewqa kbira li naqbad it-tfal u nitlaq mid-dar. Kont mort kellimt qassis fuq hekk u l-qassis kien qalli biex ma nitlaqx. Indunajt illi ż-żwieġ tiegħi kien spiċċa u xtaqt ħafna li nissepara imma bdejt nara ostakoli kbar kullimkien. Kelli tlett itfal zgħar u ma kontx naħdem. Il-qassis kien tagħni parir biex nipprova nsalva ż-żwieġ tiegħi u jien bqajt nahseb fit-tfal u kif jekk nitlaq dawn kienu sejrin jittrabbew mingħajr missierhom"* [26] (Emfasi tal-Qorti)

L-attriċi ssemmi kwistjoni oħra li ħoloq il-konvenut rigward flejjes li missierha kien ser iġib minn barra minn Malta u jqassam lill-uliedu – iżda li skontha l-konvenut oppona għal mod kif ried jqassam il-flus missierha. Spjegat li tant iġġieldu li hi spiċċat kellha tagħmel operazzjoni f'griżmejha u missierha ma qassam xejn u żamm kollox f'kont f'ismu u ta' martu.

Tgħid li għamlet snin taħfer u dejjem toħlom li ser jinbidel iżda kollu kien għal xejn u minn hemmhekk l-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar. Tgħid li kien jibdel il-post tax-xogħol ta' spiss u jiġi d-dar mimli nervi u jaqbad magħha.

Minħabba l-problemi finanzjarji li kellhom u li aggravaw wara dak li ġara ma ħutha, fl-2010 ħarġet taħdem bħala *salesgirl*. Tkompli billi tiddeskrivi l-karattru diffiċli u żorr tiegħu u dan anki fir-rigward tax-xewqat tat-tfal: "*it-tifel tan-nofs E wera x-xewqa li jmur jistudja barra minn Malta. Missieru oppona biss E mar xorta waħda. Jien ħadt pjaċir li E baqa' għaddej bil-pjanijiet tiegħu. Illum kuntent ħafna għaleix iggradwa bħala restawratur."*[27]

Tgħid li ma kienx ġeneruż, u li kienet tonfoq il-paga kollha tagħha fuq il-ħajja u fuq uliedha. Hi kienet tixtrilu rigali sbieħ għall-*birthday* tiegħu iżda hu ġieli nesa l-birthday tagħha: "*ngħid illi s-sorpriżi sbieħ għalija ma jeżistux. Darba biss morna weekend break u spiċċa ħallini waħdi għax qal li kellu laqgħa."*[28]

Tkompli billi tagħti eżempji varji tal-karattru tal-konvenut – li kien jisfratta l-okkażjoniijiet speċjali li kien ikun hemm u jhedded li jekk tagħmel affarijiiet li hu ma qabilx magħhom bħal per eżempju jmorru t-tieġ tan-neputija tagħha – jagħmel waħda minn tiegħu – ħaġa li kien jagħmel ta' spiss u ġieli anki beżżagħha

---

[25] fol 26

[26] fol 26

[27] fol 28

[28] fol 28

li kien se jagħmel suwiċidju; ġieli raqad fil-ġnien u tkompli*: "Ngħid li matul is-snin ta' żwieġ kien hemm abbuż verbali u psikoloġiku kważi kuljum."*[29] u skontha dan żdied meta huwa nduna li ma setax jikkontrolaha iktar kif kien jagħmel qabel u tgħid li l-abbuż żdied billi bdiet tirċievi messaġġi ta' *bullying* kważi kuljum, kif ukoll żdied l-għajjat u storbju minn naħa tiegħu u dan anki quddiem in-nies fuq il-post tax-xogħol tagħha. *"Darba fost oħrajn kont xogħol fil-weekend. H ċempilli u ried ikun jaf fejn kont u qalli li ma kienx jaf li jien kont xogħol. Wara ftit narah ġej fuq il-post tax-xogħol tiegħi u tani c-crieket tiegħu tal-għerusija u taż-żwieġ. Telaq qabel ma stajt niftah ħalqi u ħallini hemm imbarazzata għall-aħħar. Wara xi ftit jiem talabhomli u jien tajthomlu lura."*

Tgħid li għamlet minn kollox biex issalva ż-żwieġ u anki ssuġġeriet li jmorru jkellmu psikologu u filwaqt li aċċetta u marru għand il-psikologa Roberta De Domenico, imbagħad ma riedx imur iktar minħabba l-ispejjeż. L-Attriċi tispjega x'suġġerimenti tathom il-psikologa iżda skontha l-konvenut ma kienx jagħmel sforz u jaħdem fuq l-istess. Fuq il-parir tat-tifel tagħhom il-konvenut mar għand psikologa oħra u wara ftit il-konvenut talabha biex tmur miegħu:

"*Jien mort għalkemm ma kontx konvinta li dan kien jservi ta' ġid. H ma riedx jammetti illi kien parti mill-problema u jien ma kontx naf x'nista' nagħmel iżjed. Jiena bqajt immur għand il-psikologa Teresa Camilleri Rausi imma H ma riedx imur aktar. Wara li semgħetni l-psikologa qaltli li jien għaddejt minn ħafna"*[30].

Tgħid li bdiet tattendi *prayer group* iżda kien jakkużaha li qed tabbanduna l-familja ħaġa li skontha qatt ma għamlet. Għamlu l-eżerċiżżji tal-miżżewġin flimkien u anki laqgħat tal-Grufan (ta' Kana) "*biss ma kellhom l-ebda effett posittiv fuqna bħala koppja"*.

Tgħid li minn Novembru 2016 bdew jorqdu fi kmamar separati billi l-konvenut xtara sodda u beda jorqod isfel iżda kif sar jaf li ntavolat proċeduri għas-separazzjoni reġa' daħal lura fil-kamra tas-sodda sakemm ħarġet hi u marret ġol-ispare room. "*l-Abbuż psikoloġiku u verbali minn H fil-konfront tiegħi u issa wkoll fil-konfront ta' G qed jiżdied ... - omissis- saħansitra ħadli ċ-ċavetta tal-karozza biex ma nkunx nista' noħroġ, lanqas għax-xogħol."*[31]

Tikkonkludi din is-sezzjoni tal-affidavit tagħha billi tgħid li żewġha huwa unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ.

B'referenza għad-dar matrimonjali tgħid li din hija tagħha, inbniet fuq art li kien taha missierha, u li l-konvenut għamel spejjeż fil-bini tad-dar. Tkompli li kienet

[29] fol 29
[30] fol 29
[31] fol 30

talbitu rendikont tal-ispejjeż li kien għamel iżda minn naħa tiegħu ma riedx jgħid kemm kienu.

"*Ngħid li l-ispejjeż saru qabel ma żżewwiġna fl-1988 u għandi l-impressjoni li kienu jammontaw għal xi għaxart elef lira Maltin (Lm 10,000)"*[32]

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti l-attriċi tgħid li tikkonsisti fis-segwenti:

1. Ħanut bla numru u bla isem groundfloor level presentement mikri bħala uffiċju għal tlett elef ewro (€3000) fis-sena fi Triq il-Knisja Ħaż-Żebbuġ Malta li nxtrat mingħand tal-Prim Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tas-26 t'Ottubru, 2000 u għal dan il-għan l-attriċi esebiet il-kuntratt relattiv Dok A[33] ;

2. Garaxx bla isem u bla numru sitwat fil-groundfloor level fi Triq Nicola Cottoner f'Ħal Lija sottostanti proprjeta` ta' terzi li nxtrat minngħand PAS Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Pierre Falzon tal-1 ta' Diċembru 2005. L-attriċi esebiet kopja ta' dan il-kuntratt mmarkat Dok B.[34]

3. Kamra bla numru u bla isem li qiegħed basement level aċċessibbli minn rampa minn Triq il-Knisja Haż-Żebbuġ, Malta, u li tifforma parti minn blokka bla numru u bl-isem Tal-Prim Buildings li nxtrat mingħand Tal-Prim Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon fid-19 ta' Diċembru, 2005. L-attriċi esebiet kopja ta' dan il-kuntrattt bħala Dok C.[35]

4. L-arja ta' blokk appartamenti – blokk mingħajr numru uffiċjali iżda jġib l-isem 'X' fi Triq X, Bugibba. L-akkwist sar permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba tal-25 ta' Ġunju, 1990. L-attriċi esebiet kopj atal-kuntratt relattiv immarkat Dok D.[36]

5. Is-sehem indiviż ta' 16.67% fil-partnership *en nom collectif* Tal-Prim & Co (P1369) ġja Tal-Prim Limited (C14312), fejn l-attriċi tispjega li parti mill-assi ta' din il-partnership hija blokk bini magħruf bħal Tal-Prim Buildings fi Triq il-Knisja Ħaż-Żebbuġ illum konvertit f'diversi ħwienet u uffiċjini mikrija lil terzi;

6. Van Isużu Pickup GAO 109;

7. Honda CRV DBN 362;

[32] fol 31
[33] fol 34
[34] fol 42
[35] fol 48
[36] fol 56

Rigward l-assi parafernali tagħha l-attriċi tiddikjara permezz tal-affidavit tagħha li għandha s-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali X, Triq X, Lija mibnija fuq porzjon ta' art li kien taha missierha Philip J – u dan b'att ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tas- 17 ta' Jannar, 1988. L-attriċi esebiet kopja tal-kuntratt relattiv immarkat Dok E[37];

2. Għalqa denominata tan-Nannu fil-kontrada ta' Ħal Mann/ta' Fejn is-Salib fil-limiti ta' Ħal Lija ta' 722mk, permezz ta' żewġ kuntratti datati 28 t'Ottubru 1994 in atti tan-Nutar H Spiteri li l-attriċi esebiet u mmarkat bħala Dok F[38] u kuntratt ieħor ion atti tan-Nutar H Spiteri tal-15 ta' Mejju 1996 li kopja tiegħu l-attriċi esebiet u mmarkat bħala Dok G.[39]

L-attriċi tikkonkludi l-affidavit tagħha billi tgħid <u>li l-assi parafernali tal-konvenut jikkonsistu f'diversi biċċiet ta' għamara antika li jinsabu fid-dar matrimonjali</u>. (Emfasi tal-Qorti)

<u>Affidavit ta' I J[40]</u>

Ħu l-attriċi jixhed li għal snin sħaħ huwa kien sħab mal-konvenut u kien jitrattah bħalikieku kien ħuh. Wara diversi snin f'negozju flimkien induna li kien hemm flus neqsin mill-kumpanija u jispjega kemm dan kien xokk enormi fuqu u fuq ħuh K J peress li indunaw li kien hemm eluf kbar ta' Liri Maltin neqsin. Marru jieħdu parir mingħand Avukat li tahom żewġ għażliet – jew li jirrapurtaw il-kwistjoni lill-pulizija bil-konsegwenza li l-konvenut jispiċċa f'ħafna inkwiet jew jippruvaw jaslu fi ftehim. Ikompli billi jgħid li għalhekk mar ikellem lill-oħtu l-attriċi, li ma setgħetx temmen dak li ġara, tant li fil-bidu ħaditha kontrih. Skontu meta oħtu kelmet lill-żewġha huwa nnega li kien għamel hekk iżda imbagħad meta l-konvenut irrealizza li kienu ser jieħdu passi legali kontrih kellu jammetti magħha li ħa l-flus fejn huwa jgħid: *" Dak li qalilha li ħa u li sibt nieqes ivarjaw ħafna. Apparti dan kollu sibna pagamenti lil nies illi ma stajniex jiġġustifikaw. Minħabba illi A oħti u aħna ġirien, jien u K iddeċidejna illi ma nkomplux nfitthux għaliex is-sitwazzjoni kienet sejra tmur ħażin għall-agħar. Aħna għamilna kif ssuġerixxa l-Avukat u ċioe illi ippruvajna naslu ma' H u hekk għamilna."*[41]

[37] fol 60
[38] fol 64
[39] fol 69
[40] Dok MG 1 fol 498
[41] fol 499

Jgħid li dan l-inċident kellu impatt negativ ħafna fuq oħtu l-attriċi u li fil-bidu emmnet lill-konvenut, u lilu u lil ħuh (K) għamlet żmien twil ma tkellimhomx.

Ix-xhud isemmi wkoll l-aġir tal-konvenut ftit jiem biss wara li kien miet missier l-attriċi fejn jgħid li l-konvenut : "*ġie għandi u qalli illi ried s-sehem ta' A tal-flus li kienet wirtet. Jien irrifjutajt għaliex ommi kellha l-użufrutt u seta jinaqla' każ illi hi tiġi bżonn il-flus jekk tidħol ġewwa dar tal-anżjani kif fil-fatt ġara... omissis ...*
*H ħadha bi kbira ħafna u beda jgħajjat li kellu bżonn il-flus u li kellu bżonnhom immedjatament. Ma kienx qalli għal xiex riedhom il-flus.* "[42]

Isemmi wkoll li meta l-kumpannija P.A.S. Limited ippruvat issellef il-flus mill-bank, il-bank kien irrifjuta minħabba xi problemi li kellu l-konvenut.

Affidavit ta' K J[43]

Fl-affidavit tiegħu, ħu l-attriċi tiegħu jsemmi l-istess fatti li xehed dwarhom ħuh I J fl-affidavit tiegħu.

Affidavit ta' L M [44]
Tgħid li taħdem mal-attriċi fil-ħanut tal-Orienta ġewwa Ħal Lija, u dan mis-sena 2014. Tgħid li l-konvenut ma tafux iżda tirrakkonta xi episodji li ġraw fil-presenza tagħha fosthom żewġ episodji meta l-konvenut daħal ġol-ħanut jgħajjat mal-attriċi quddiem in-nies. Tgħid li ġieli waslet lill-attriċi d-dar wara x-xogħol u li ġieli rat il-konvenut jistenniha fil-bieb ta' barra jew jittawwal mill-gallarija. Tgħid li l-attriċi kienet urietha diversi messaġġi twal li kienet tirċievi mingħand il-konvenut li kienu jagħmlulha dwejjaq kbar sakemm ma felħitx iktar u kellha tibblukkah.

Affidavit ta' N sive N O[45]

Ilha taf lill-attriċi mill-iskola u saret taf lill-konvenut meta l-partijiet bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Kienu joħorġu bħala żewġ koppji u għalhekk tgħid li saret tafu sew:

"*Ngħid li H persuna dominanti ħafna u jrid kontroll fuq kollox inkluż fuq A. Għall-ewwel li sirt nafu kont ngħid kemm kien jieħu interess f'dak kollu li kien*

[42] fol 499
[43] Fok MG2 fol 500
[44] Dok MG 3 fol 502
[45] Dok MG 4 fol 504

*jikkonċerna lil A, iżda maż-żmien indunajt li ma kienx interess li kellu, imma ried jeżerċita kontroll totali fuqha."*[46]

Ix-xhud tirreferi wkoll għal karattru diffiċli tiegħu li kienet tesperjenza meta jitilgħu Għawdex flimkien bil-familji rispettivi tagħhom. B'kollox tgħid li marru Għawdex flimkien xi tnax-il darba u setgħet tosserva l-aġir kontrollanti tal-konvenut. Ix-xhud tirreferi għall-episodju ieħir meta kienu l-Belt flimkien jieħdu drink u tgħid:

*"Darba minnhom waqt li konna l-Belt flimkien, jien u r-raġel u A u H, konna qed nieħdu drink, imbagħad jien u A qomna u spiċċajna nippassiġjaw waħedna fil-ġnien fejn konna. X'ħin ġejna lura fejn H u P , H qabad jgħajjat għaliex aħna konna tlaqqna nimxu waħedna. Ma nafx x'immaġina li għamilna jew x'għidna. Naf li baqa' jgħajjat u jsabbat fuq il-mejda, imbagħad ħalla xi flus fuq il-mejda u telaq 'l hemm. A kienet iddispjaċuta ħafna fuq li kien ġara. Rikbet lura magħna u wassalniha d-dar.*

*Xi sentejn ilu H kien beda jistennini fejn il-bieb tal-knisja sabiex ikellimni. Jien kont nipprova naħarbu. Id-darbtejn li rnexxilu jkellimni, kien għamel xenata quddiem in-nies, jibki u jgħajjat għaliex A kienet qaltlu li ż-żwieġ tagħhom kien spiċċa. Jien ppruvajt nispjegalu illi ma setax jkompli jittratta lil martu ħażin, ma ġibilha ebda rispett, kulma jgħid u jagħmel hu tajjeb u kull ma tgħid u tagħmel hi ħażin, għandu raġun dejjem u A trid toqgħod għal kollox u tkompli għaddejja b'ħajjitha qisu xejn m'hu xejn.* ***<u>Quddiemi minn jaf kemm-il darba kien żorr magħha u jgħidilha kliem bħal 'int fiex tifhem' jekk tipprova tesprimi ruhha. Ma kellu ebda rispett għal A</u>***"[47] (Emfasi tal-Qorti)

Tirreferi għall-episodju ieħor li seħħ meta l-attriċi kienet qiegħda xogħol, waqt il-fiera li kien qed isir ġewwa Montekristo. Tgħid li hi u żewġha marru l-fiera u l-attriċi dehret li kien ġralha xi ħaġa u tkompli: "*X'ħin ratni bdiet tibki u qaltli li H kien ġie fuq l-istand u tagħha ċ-ċrieket tiegħu tat-tieġ u tal-engagement lura għaliex skont hu A ma qaltlux li kienet xogħol."*[48]

Issemmi wkoll dik id-darba li l-attriċi ċemplitilha biex tgħidilha li l-konvenut kien ħareġ bis-senter u qalilha li kien ser jagħmel xi ħaġa kerha u b'hekk qaltilha biex tmur għandha. Spjegat li l-attriċi marret għandha mat-tifel G: "*A kienet qed tibki, ma kenitx taf x'se taqbad tagħmel u jen ikkonviċejtha biex tkellem lit-tfal il-kbar tagħha. Xi ftit sigħat wara, t-tifel tan-nofs tagħha E ċemplilha biex jgħidilha*

[46] fol 504
[47] fol 504
[48] fol 505

*illi misssieru kien jinsab id-dar, kien sabu rieqed u meta qajmu sabiex jipprova jkellmu dan qallu biex iħallih jorqod."*[49]

Skontha l-attriċi m'għandhiex kapriċċi u bdiet taħdem biex tgħin il-familja. Tgħid li meta l-attriċi bdiet taħdem qaltilha li ma kellhiex kont bankarju f'isimha għax il-konvenut ma riedx. Skontha l-attriċi ma kenitx taf xejn fuq il-kontijiet tal-partijiet jew fuq id-dħul ta' żewġha u tkompli: *"jew fuq in-negozju li kien jagħmel u jekk issaqsih jgħidilha biex ma tindaħalx jew sabiex tħalli f'idejh"*[50]

Tgħid li m'għadhomx joħorġu flimkien bħala żewġ koppji iżda ġieli ħarġet l-attriċi magħhom biex ma tibqax waħedha d-dar u kull meta ltaqgħet mal-konvenut kien idejaqha l-fatt li d-diskors tiegħu dejjem jaqa' fuq il-flus.

**Seduti Quddiem l-Assistent Ġudizzjarju -Provi Attriċi**

**8 ta' Frar, 2018:**
<u>Xehed Stephen Baldacchino in rappreżentanza tal-BNF Bank</u>
Xehed li ma sab xejn fuq il-partijiet.

<u>Xehed Christian Zammit in rappreżentanza ta' Lombard Bank</u>

Xehed li ma sab xejn fuq il-partijiet.

<u>Xehdet Rebecca Micallef in rappreżentaza ta' APS Bank</u>
Ix-xhud xehdet li ma sabet xejn f'isem l-attriċi waħedha, iżda sabet tlett kontijiet konġunti li esebiet bħala Dok RM 1 sa RM 3, kif ukoll kontijiet f'isem l-konvenut waħdu li esebit bħala Dok RM 4 sa RM 5 – tkompli tixhed li Dok RM 1 biss hu miftuh u l-kontijiet l-oħrajn huma magħluqin.

<u>Xehdet Joanna Bartolo in rappreżentanza ta' BOV</u>
Xehdet li r-riċerka li għamlet tmur lura sal-2013 u f'isem l-attriċi sabet kont wieħed li esebiet bħala Dok JB 1, xehdet li l-attriċi għandha kont ma' terzi li ma tistax tixhed dwaru. Sabet zewg kontijiet mitfuħin f'isem il-konvenut li esebit bħala Dok JB 2 u JB 3 u zewg credit cards li huma validi Dok JB 4 – visa classic u JB 5- visa Flypass. Xehdet ukoll li l-attriċi għandha Funds 200525 li dwarhom jistgħu jixhdu BOV Asset Management. Ltd.

**7 ta' Marzu 2018:**

[49] fol 505
[50] fol 505

Xehdet Miriam Sultana in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange

Xehdet li ma sabet xejn fuq l-attriċi u għal dan il-għan esebit Dok. MS 1 u kont wieħed fuq il-konvenut liema kont m'għandux bilanc u għal dan il-għan esebit Dok. MS 2.

Xehed Emanuel Seychell in rappreżentanza ta' Me Direct

Xehed li ma sab xejn fuq il-partijiet.

Xehdet Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc

Xehdet li sabet kont wieħed fuq il-konvenut Visa Card Dok AMB 1; Sabet investiment magħluq – Dok AMB 2. Ma sabet xejn f'isem l-attriċi waħedha, pero jirriżulta li l-attriċi għandha kontijiet ma' terzi u x-xhud spjegat li ma kenitx awtorizzata tixhed dwarhom. Filwaqt li ma sabet xejn konġunt żiedet li l-bank kien ħareġ supplementary card lill-attriċi abbinata mal-kont bankarju AMB 1 f'isem ir-raġel.

**12 ta' Marzu 2018**

Xehdet Dr Simone Parnis in rappreżentanza ta' Global Capital plc

Xehdet li ma sabet xejn fuq il-partijiet.

Xehdet Maria Saliba in rappreżentanza ta' Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd.
Xehdet li ma sabet xejn fuq il-partijiet.

Xehed Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta
Xehed li kien hemm vettura waħda fuq l-attriċi li ġit skrappjata fit- 28 t'Ottubru 2011 (Dok SC1) u fuq il-konvenut sab żewġ vetturi preżenti (u ċioe l-Isuzu GAO 109 u l-Honda – DBN 362 u oħra li ġiet scrapped fl-20 t'Ottubru 2005 (Sok SC 3), u oħrajn li kellu fil-passat (Dok SC 4).

**12 t'April, 2018**

Xehed Paul Scicluna in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi (VAT)

Xehed li huwa ġie mitlub sabiex jeżebixxi dokumenti li għandu d-dipartiment għall-perjodu 2008 sas-sena 2012 u għal dan il-għan esebixxa Dok PS 1 – li hu rendikont li jindika li m'hemmx pendenzi mad-dipartiment.

Esebixxa wkoll Dok PS 2 – denunzja ppreżentata mill-konvenut tul is-snin u xehed ukoll li in-numru tal-VAT 16695019 ġie kanċellat fil-31 ta' Diċembru, 2012.

Xehed Joseph Debono in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi
Ix-xhud esbixxa kopja tal-*income tax returns* konġunti – Dok JD 1 sa JD 12. Xehed li kien hemm snin meta l-partijiet kienu *non filers* ċioe` meta id-dipartiment ma kellux bżonn joħroġ ir-return biex timtela minnhom u fir-rigward tas-sena bażi 2011 (sena stima 2012) ma setax jsib ir-return in kwistjoni.

Xehdet Dr Christine Calleja in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea plc

Xehdet li ma sabet xejn f'isem il-partijiet u esebiet Dok CC 1 għal dan il-għan.

**28 ta' Ġunju, 2018**

Deher Paul Scicluna in rappreżentanza tad-dipartiment tal-VAT li nforma l-assistent ġudizzjarju li rċieva l-inġunzjoni dakinhar stess u ma kellux biżżejjed żmien jipprepara.

**5 ta' Novembru 2018**

Xehed Paul Sultana in rapprenżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi (VAT)

Ix-xhud xehed li huwa ġie mitlub jixhed dwar il-partnership Tal-Prim & Co (P1389) u kkonferma li qatt ma kienet rreġistrata għall-finijiet ta' VAT, iżda elabora li partnership ta' din it-tip mhijiex obbligat li żżid il-VAT fuq il-kirjiet, għax dan jiġri biss meta l-lessor ikun kumpannija.

Xehed Joseph Debono in rappreżentanza tal-kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ix-xhud ġie mitlub jixhed fuq Tal-Prim & Co u xehed li l-unika partnership li sab hija Tal-Prim Buildings, u li għall-finijiet tagħhom Tal-Prim & Co ma teżistix. In-numru tal-partnership li sab huwa P1369. Xehed li huwa għamel il-verifiki tiegħu fuq l-isem mhux fuq in-numru, u meta ġie suġġerit lilu li l-Partnership P1369 m'hijiex Tal-Prim Buildings iżda Tal-Prim & Co, ix-xhud xehed li għalihom Tal-Prim & Co ma teżistix.

**29 ta' Jannar, 2019**
F'din is-seduta ma sar xejn peress li l-Awditur William Spiteri Bailey baqa' ma deherx għas-seduta.

**15 ta' Marzu 2019**

Il-perit komputista William Spiteri Bailey ħa konjizzjoni tal-fatti u talab is-segwenti dokumentazzjoni sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tiegħu:-

1) l-Aħħar ħames snin *profit and loss account* u *tax returns* tal-Partnership 'Tal-Prim & Co'
2) Valuation minn Perit tal-proprjeta f'Ħaż-Żebbuġ 24 Church Street, mikrija lil terzi in parte.

**Seduta 21 t' Ottubru, 2019**

Xehed il-Perit Malcolm Gingell in rappreżentanza tal-kumpanija *Eurocem Ltd* u esebixxa l-payslips tal-istess konvenut għas-snin 2018 – 2019, immarkati bħala Dok MG 1[51] u Dok MG 2[52] u kopja tal-FS3 għas-sena 2018 esebita bħala dok. MG3[53] - fejn bħala *gross emoluments* jirriżulta li l-konvenut kellu €38,906.

**Seduta 16 t'Ottubru 2020**

<u>Xehdet Joanna Bartolo:</u>
In rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc li ppreżentat erba' dokumenti mmarkati Dok. 'JB X 1' sa Dok. 'JB X4' in konnessjoni mal-updates li ġiet mitluba biex tippreżenta tal-kontijiet u investimenti u informazzjoni fuq safety deposit box f'isem il-konvenut. Rigward Safety Deposit Boxes ix-xhud xehdet li m'hemmx.

<u>Xehdet Patrizia Salerno:</u>
In rappreżentanza ta' APS Bank li ppreżentat tmien dokumenti mmarkati minn Dok. 'PS 1' sa Dok. 'PS 8'- xehdet kif il-konvenut kellu tmien kontijiet iżda tlieta minnhom biss kienu għadhom active. Xehdet ukoll li fir-rigward tal-kont bin-numru li jispiċċa 0018 u li infetaħ fis- 27 ta' Lulju, 1992 ma setgħux isibu xjn qabel l-2002 – talbu lill-IT għall-għajnuna iżda xorta ma sabu xejn.

**Provi oħrajn tal-attriċi :**

- L-attriċi ppreżentat nota[54] li permezz tagħha l-attriċi esebiet kopja tal-kuntratt ta' kera tal-fond numru X, Triq il-X, Ħaż-Żebbuġ (Dok MG 5)

[51] fol 641 -652
[52] fol 653- 661
[53] fol 662
[54] fol 527

proprjeta tal-partijiet. Kuntratt datat 16 ta' Awwissu, 2017 kera ta' uffiċju f'Ħaż-Żebbug għal ħames snin għall- kera ta' €3000 fiss-sena.

- b'nota datata 14 ta' Marzu, 2022 – l-attriċi ppreżentat tlett dokumenti mmarkati Dok AB 1 sa Dok AB 3 li dwarhom xehed C U fis-seduta tad- 9 ta' Marzu, 2022 u li huma kopja tad-deposit tal-karozza Mazda Demio – ta' mitt Ewro lill- Ventur Auto Import Co Ltd; kopja ta' rċevuta maħruġa għas-saldu minn Ventur ta' €6,900 rigward Mazda Demio – u confirmation note datata 28/07/2020 f'isem C U – rigward Mazda Demio għall-prezz ta' sebat elef Ewro.

Verżjoni u Provi Konvenut:

Seduti quddiem l-Assistent Ġudizzjarju:

**3 ta' Diċembru, 2020**

Dehret Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc li ma setgħetx tixhed għaliex kellha n-numru tal-ID Card tal-attriċi ħażin fejn infurmat ukoll li ma kellhiex l-eżenzjoni fuq terzi.

**Seduta tal-4 ta' Mejju, 2021**

Xehdet Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-BOV u ppreżentat erba' dokumenti mmarkati Dok. JBA 1 sa Dok, JBA 4.[55]

**Seduta tal-25 ta' Mejju, 2021**

Xehdet Charmaine Psaila Haji in rappreżentanza tal-APS Bank. Xehdet li ġiet mitluba sabiex tixhed fuq l-attriċi mis-sena 2017 'il quddiem u ppreżentat statement wieħed relattiv għall-kont konġunt mal-konvenut rigward kont kurrenti li jispiċċa bin-numri: 3894 – esebit bħala Dok. APS1.

Xehdet Jeanette Lepre: in rappreżentanza ta' Lombard Bank li xehdet li fuq riċerka li għamlet fuq l-attriċi mis-sena 2017 'il quddiem ma sabet xejn lanqas ma' terzi.

[55] esebiti minn fol 993 sa fol 1109

Xehdet Lorraine Attard: in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc – li xehdet li ma sabet xejn fuq l-attriċi f'isimha waħedha mis-sena 2017 ' il quddiem iżda eżenzjoni fuq terzi ma kellhiex u għalhekk ma setgħetx tixhed fuq terzi.

Xehed Brian Farrugia: in rappreżentanza ta' Transport Malta li xehed fuq l-atrtriċi u l-vetturi reġistrati f'isimha, u sab vettura waħda Maruti li ġiet *scrapped*, (Dok BF 1)[56] minn liema dokument jirriżulta li l-vettura ġiet *scrapped* fit-28 t' Ottubru, 2011. Xehed ukoll li fil-passat ma kellha l-ebda vetturi f'isimha.

**Seduta tas-27 ta' Settembru, 2021**

Ix-xhud Q R debitament notifikata ma dehritx.

**Seduta tal-11 t'Ottubru, 2021**

Xehed K J in kontro-eżami

Jikkonferma li hu u ħuh kienu għamlu żmien fin-negozju mal-konvenut, u għal żmien kienu jafdaw lil xulxin mingħajr problemi imma '*imbagħad inqalgħu l-affarijiet'*[57] u fuq mistoqsija tal-avukat tal-konvenut kienux waslu fi ftehim mal-partijiet huwa jikkonferma li l-biċċa xogħol waqfet hemm u li ma kienx hemm proċeduri kriminali.
Ikkonferma wkoll li missieru kien jieħu ħsieb il-pensjoni tiegħu u jafda lill-konvenut u li kien il-konvenut li kien issuġerixxa lill-missieru biex iġib il-flus li kellu barra minn Malta lura f'Malta u qabel il-konvenut kien proprju r-raġel t'oħtu l-kbira u ċioe` P U li kien jieħu ħsieb. Jikkonferma li missieru ddikjara dawk il-flus kif kien qallu l-konvenut imbagħad il-flus marru għand missieru u ma nqassmux bejn l-aħwa għax marru għand il-ġenituri tiegħu. Ix-xhieda tiegħu tkompli hekk:

*"Dawn l-episodji kollha ara naqblux li oħtok u H dejjem kienu flimkien u qatt ma kellhom problemi f'dawn l-affarijiet?*

*K J: Iva.*[58]*"*

Ix-xhid spjega li kien sellef il-flus lill-konvenut u l-konvenut kien ħallsu lura b'garaxx u li hu kien jafdah u li baqgħu ħbieb imma llum m'għadhomx.

[56] fol 1126
[57] fol 1153
[58] fol 1153

In ri-eżami filwaqt li ma kienx jaf jgħid kemm sab ċekkijiet neqsin u qal:"*kull ċekk li ħareġ kien imbabas"* u mistoqsi sabiex jiċċara dak li ried jgħid qal: *Dak kien imur għand ħija I u kien jgħidlu ħa ffirmali u dak kien jiffirmalu jgħidlu issa nimlih id-dar imbagħad daħlilna ħsieb, ħija mar jiċċekkja l-bank biex jara xi flus ħareġ u kien qed joħroġ iżjed milli kien qed jgħidlu, għax huma t-tnejn kienu jiffirmaw jien ma kontx niffirma.*[59]

Mnkejja dan xehed li jafx kemm-il elf ħa l-konvenut iżda kienu laħqu ftehoim fejn il-konvenut kien ceda sehemu fin-negozju.

<u>Xehdet Q R</u>
Ix-xhud tgħid li l-attriċi kienet impjegata magħha mill-2012 sal-2019 u esebiet il-payslips u l-ħlas tal-N.I. tal-attriċi u li dawn l-affarijiet tieħu ħsiebhom S T. Tgħid li l-attriċi ma kellhiex kuntratt t'impieg għax dak iż-żmien ma kienux jagħmluhom, u sa fejn taf hi, l-attriċi kienet taħdem part-time "*ħlief l-aħħar sena jidhirli."*[60]
Ix-xhud ġiet murija t-*timesheets* esebiti li skontha kienu mtlew mill-attriċi stess u l-compilation tas-siegħat tieħu ħsieb oħtha S għax hi tagħmel il-pagi.

**Seduta 28 t'Ottubru, 2021**

<u>Xehed P O</u>

Xehed li l-mara tiegħu (N O) hija ħabiba kbira tal-attriċi u dan minn mindu kienu zgħar u sar jaf lill-konvenut xi ħamsa u għoxrin sena ilu[61] meta ż-żewġ koppji kienu għadhom għarajjes u mistoqsi kienx ikun hemm problemi meta jkunu fil-prsenza tal-partijiet jgħid:

*"Problema li kien hemm darba minnhom il-Belt, konna ħriġna flimkien, wadbilha ċ-ċwievet u telaq 'l hemm u A ġejna lura waħedna ma' A."*[62]
Ix-xhud ġie mitlub jispjega x'ġara fejn ix-xhud u jgħid li martu u l-attriċi marru jimxu ftit u x'ħin ġew lura waddbilha ċ-ċwievet u telaq u mistoqsi:

*Dr Josette Sultana: Imma qabel wadbilha ċ-ċwievet x'kien ġara?*

*P O: Jiena kont naf li ma kienx ġej sal-aħħar minuta , dik kont naf jien, jiena kont naf għax qaltli l-mara, ma naħsibx li ser jiġi H*

[59] fol 1154
[60] fol 1155
[61] vide fol 1252
[62] fol 1251

*Dr Josette Sultana: Int bil-ġurament, int qabel x'għedtlu biex huwa rrabja x'ħin ġiet lura A?*

*P O: Għedtlu taqlax trouble jiena, dik li għedtlu*

*Dr Josette Sultana: X'għedtlu għalxiex irrabja?*

*P O: Irrabja għax jien, għax hu qalli li jien għedtlu li kont naf li mhux ġej sa l-aħħar minuta, joħroġ magħna, imbagħad ġie sal-aħħar minuta*

*Dr Josette Sultana: żgur li hekk għedtlu, għalxiex irrabja?*

*P O: Hekk kien hekk kien*

*Dr Josette Sultana: Inti għedtlu xi ħaġa li qaltlek il-mara tiegħek u li ma kien x jaf?*

*P O: Konna d-dar, suppost ħerġin jien u l-mara u qaltli għadu ma jafx jekk hux ħa jiġi magħna.*

*Dr Josette Sultana: u inti mort tgħid lil H?*

***P O: u aħna konna qegħdin mal-mejda u għedtlu ma kontx ġej hux, forsi kien hemm xi logħba u qalli eh iva qaltilkom, qalli issa kif tiġi ngħidilha u għedtlu le taqlax trouble**.*

*Dr Josette Sultana: Jiġifieri l-argument skont inti kien għax A qalet xi ħaga ta' bejniethom lilkom hux hekk?*

*P O: li ma kienx ġej fl-aħħar minuta"* (Emfasi tal-Qorti).

Mistoqsi fuq safar flimkien mal-partijiet, ix-xhud jgħid li ġieli marru Għawdex flimkien u li l-konvenut kien jitla' qabel kulħadd biex jagħżel hu ta' l-ewwel bħala kmamar u jgħid li ġieli l-konvenut qalilha (lill-attriċi) '*oqgħod kwieta ħa ngħid jien*'[63]. Jgħid li hu qatt ma siefer barra minn Malta mal-partijiet iżda martu u l-attriċi marru Firenze.
In kontro-eżami jgħid li meta kienu jitilqgħu Għawdex kienu jkunu tlett familji u li ġieli damu ġimgħa u mistoqsi:

*Dr Kathleen Mizzi: u x'kien il-ftehim tagħkom meta tkunu Għawdex?*

[63] fol 1252

*P O: Il-ftehim tagħna konna, kulħadd jaqsam flimkien imma peress li konna nkunu tlett familji H kin ikun jixtieq li jagħmel għalih.*

*Dr Kathleen Mizzi: Kif tispjega li H jkun irid jagħmel għalih, X'tifhem biha:*

*P O: Jekk perkasu llum sajjarna fniek, il-fniek sajjar hu għalih u jtella l-fniek tiegħu u aħna konna niftehmu, peress li familja waħda tal-mara konna nifthmu flimkien.*

*Dr Kathleen Mizzi: Jiġifieri ma kienx jirnexxilkom tiftiehmu titilgħu Għawdex u ssajjru kollha flimkien per eżempju?*

*P O: Ma tantx le għax oħt il-mara ma kenitx taqbel tal-għaġeb ma' H.*

*Dr Kathleen Mizzi: Oħt il-mara tiegħek?*

*P O: Oħt il-mara tiegħi.*

*Dr Kathleen Mizzi: u kien hemm inċidenti Għawdex jew forsi Malta li wasslu għal din ir-relazzjoni fejn il-partijiet Mr B ngħidu u oħt il-mara tiegħek ma kienux jaqblu?*

*P O: Kien hemm imma mhux tal-għaġeb għax aħna ma konniex inħalluha għaddejja imma ġieli nqala' xi paroli*

*Dr Kathleen Mizzi: Paroli bejn Mr B u oħt il-mara tiegħek?*

*P O: Ġieli għolla leħnu imma fuq per kasu inkunu qegħdin nitkellmu u jgħidilha* ***oqgħod kwieta ħa jitkellem hu...***

- *omissis-*

*Dr Kathleen Mizzi: Fir-rigward ta' Ms B, kien jirnexxielha tesprimi l-espressjoni tagħha meta tkunu mal-mejda jew meta tkunu qegħdin taraw it-television?*

*P O:* ***Ma tantx****."*[64]

Fir-rieżami jgħid li l-attriċi hija mara kwieta li titkellem mal-familja u ħbieb u mhux it-tip li tħobb il-ġlied.

**Seduta tal-12 ta' Jannar 2022**

[64] fol 1253

Xehdet L M in kontro-eżami

Tikkonferma li barra kollegi hi u l-attriċi huma ħbieb, u fuq mistoqsija jekk l-attriċi kienet tkun bla karozza għax il-konvenut kien ikollu bżonnha wieġbet: "*Ma nafx hi kienet tgħidli ħadli l-karozza."*[65] Ix-xhud ikkonfermat li hi kienet tisma' biss il-verżjoni tal-attriċi u dak li tgħidilha l-attriċi, pero` tikkonferma li fir-rigward tal-inċident li hi ssemmi fl-affidavit tagħha f'Marzu 2016: "*Le rajtu jien issabbat iċ-cwievet"*[66] Fuq domanda ta' x'taf fuq l-attriċi wieġbet: *"L-unika li naf fuq A kien ikollha ħafna rashes bl-inkwiet*"[67] iżda lill-konvenut ma tafux.

Xehdet S T

Xehdet li hi kienet toħroġ il-payslips u ċ-ċekkijiet u meta x-xhud ġiet murija Dok JS 1 – time-sheet ix-xhud wieġbet li meta l-attriċi kienet tagħmel xi xogħol *extra* fil-hotel tal-kumpanija kienet tpaċihom ma' xirjiet.

**Seduta tas-27 ta' Jannar, 2022**

Xehed F U

Xehed li hu miżżewweġ lill-oħt l-attriċi u li għandu kuntatt biss mal-attriċi peress li twasslu kullimkien hi. Mistoqsi fuq x'vettura għandu wieġeb li għandu Mazda 071 u li l-attriċi ssuq din il-karozza. Huwa ġie mitlub iġib id-dokumenti relattivi tal-akkwist tal-karozza li ssuq l-attriċi.

**Seduta tad- 9 ta' Marzu 2022**

Xehdet N O in kontro-eżami

Tikkonferma li ilha taf lill-attriċi minn mindu kienu tfal żgħar u lill-konvenut saret tafu wara. Tgħid li kienu jitilgħu Għawdex flimkien kważi kull sena u magħhom kienet titla' wkoll oħtha. Fuq domanda jekk għandhomx ħafna in komuni, x-xhud wieġbet:

*R: "skond xiex?*
*D: toħorġu flimkien?*
*R: kif joħorġu l-ħbieb*
*D: Ara naqblux li kontu tmorru għand il-Kappillan flimkien?*
*R: mela le*
*D: ġieli jew dejjem*
*R: konna nkunu flimkien, iva konna nkunu flimkien"*

[65] fol 1258
[66] fol 1258
[67] fol 1258

Ix-xhud tikkonferma li hi u l-attriċi kienu jmorru jnaddfu d-dar tal-Kappillan Fr David Gauci li dak iż-żmien kien il-Kappillan ta' Ħal Lija, spejgat li m'għadhomx imorru jnaddfu peress li m'għadux hemmhekk. Dan ma kienx xogħol bil-ħlas u tgħid:"*konna mmorru għax aħna ħbieb"*[68].
Fuq domandi li saru lilha fuq il-kwistjoni tal-kont bankarju tal-attriċi x-xhud qalet: "*jiena għedtlek illi meta fil-bidu riedet tiftaħ bank account ma kienx riedha tiftah bank account"*[69].

<u>Xehdet V U</u>

Xehdet li hija oħt il-kbira tal-attriċi u li taf il-konvenut u joqgħodu bieb ma' bieb u li tmur tajjeb ħafna m'oħtha l-attriċi u lill-konvenut qabel kienet issellimlu u issa ftit li xejn: "*Għax ħa ngħidlek għax darba minnhom konna se mmorru għand oħti, A, kien bil-karozza, beda jgħajjat barra u jgħajjarni u għedt issa daqshekk....-omissis-*

*...u jiġri warajna bil-karozza, għamilha darbtejn biex jara fejn sejrin"*[70]

Ix-xhud xehdet li m'għandhiex iċ-ċavetta tad-dar tal-partijiet u meta oħtha l-attriċi kienet ma tiflaħx: "*jiena, mhux ħa nħalliha tmur għand il-barranin, dik oħti ilqajtha hu, mhux hekk għandu jkun, imma jien qatt ma kont immur id-dar tagħha, ġieli anka ħwejjeġ minn tiegħi kienet tieħu għax aħna nilbsu daqs xulxin"*[71]

Tikkonferma li ġieli tgħin lill-oħtha: "*ikollha bżonnn xi ħaġa mmur nixtrilha u ngħid ħalliha din, ma nżommilhiex."*[72]

In kontro-eżami ix- xhud ġiet mitluba tispjega dwar x'kien qalilha l-konvenut fit-'*tieni inċident'* u wieġbet: "*Kien irrabjat, bil-karozza, għax kien għad kellha il-karozza, ma kellhiex il-karozza, iż-żiemel tiegħi u jirkeb ħaddieħor miegħu, orrajt, għalija, u għajjarni kelma baxxa.*

*D: X'qallek?*
*R Qalli qaħba"* [73]

<u>Xehed F U</u>

---

[68] fol 1277
[69] fol 1277
[70] fol 1277
[71] fol 1277
[72] fol 1277
[73] fol 1278

Ix-xhud ġie mitlub jippreżenta d-dokumenti tal-akkwist tal-vettura, izda spjega li hu kien l-isptar sa dakinhar stess u għalhekk l-avukat tal-attriċi ddikjarat li dawn id-dokumenti ġew mgħoddijin lilha stante li x-xhud kien l-isptar. Jgħid li xtara l-vettura minn showroom in-Naxxar, fejn l-ewwel ħallas deposit imbagħad ħallas il-kumplament cash b'kollox sebat elef - għandu 75 sena u ħadem ħajtu kollha. Mitlub jispjega r-raġuni għalfejn xtara karozza lill-attriċi wieġeb: "*għax dik tiġi u twassal lill-mara kullimkien u ġieli twassal lili wkoll*"[74]

Jikkonferma li għadu jsuq imma minħabba għajnejh ma tantx qed isuq sewwa. Ma jafx kemm ilu li xtara il-karozza u jgħid '*li xtrajtha għalija u tajtha lil dik. Anka l-post għad intiha jien, flusi ntihom lil min irrid.*'[75]
Filwaqt li huwa jħallas il-liċenzja jgħid li l-attriċi trid tieħu ħsieb jekk taqla' xi ċitazzjoni, hu mitlub jispjega kif l-attriċi twassal lill-martu peress li l-attriċi taħdem jgħid: "*X'ħin ikun hemm bżonn. Dik dejjem tiġi d-dar, dejjem ma' oħtha.*" Mistoqsi x'karozza hi, huwa jwieġeb Mazda 071 u li għandu vann ukoll iżda dak ma kienx jgħodd għall-attriċi.

**Seduta tad-29 ta' Marzu, 2022**

<u>Xehdet Joanna Bartolo</u> in rappreżentanza ta' BOV.
Ix-xhud ġiet mħarrka sabiex tixhed fuq kontijiet li l-attriċi għandha ma' terzi u f'dan is-sens u wara li rat id-digriet tal-esenzjoni esebiet *statement* ta' kont 'The *Heirs of the late F J usufructuary G J*' – Dok JAB 1 liema kont infetah f'Jannar, 2016 u ngħalaq fl-14 ta' Jannar, 2020, u xehdet li l-imgħaxijiet bejn is-sena 2017 – sas-sena 2020 marru fl-istess kont kif indikati fl-istatement.

<u>Xehed Fr David Gauci</u>
Xehed li huwa kien il-Kappillan ta' Ħal Lija għall-14-il sena u issa qiegħed in-Naxxar u li jaf lill-partijiet peress li l-attriċi kienet tgħin lis-sagristan u l-konvenut kien fil-grupp tal-fratelli. Jikkonferma li l-konvenut kien kellmu fuq il-problemi familjari tal-partijiet: "*Ma niftakarx id-dettalji eżatti imma kien jidher li donnu r-relazzjoni ta'bejniethom kienet qegħda tmut dak iż-żmien*"[76] Jgħid li l-parir tiegħu dejjem kien: "*fil-ħajja dak li hu salvabbli nipprova nsallvah tajtu pariri fid-diskrezzjoni tiegħi biex possibilment isalva ż-żwieġ tiegħu*". Huwa kompla jispjeha li d-dettall ma jiftakrux għax bħalu kien ikollu oħrajn, iżda kkonferma li ġieli anki s-sinjura kellmitu fuq il-problemi u taha l-istess parir. Jgħid li kienet issajjarlu u ġġiblu l-ikel u meta kien isaqsiha jekk ir-raġel tagħha kien jaf hi ġġiblu l-ikel skont dak li kienet twieġbu, żewġha kien jaf u li kellu diversi nies jeħdulu l-ikel, u anki issa fil-preżent in-nies li joqgħodu n-Naxxar jagħmlu l-istess

[74] fol 1279
[75] fol 1279
[76] fol 1291

u jsib l-ikel dejjem lest. Jikkonferma li ġieli ġie mistieden għall-ikel għand il-partijiet, u li b'mod volontarju (u ċioe bla ħlas) l-attriċi flimkien ma' N kienu jnaddfu d-dar tiegħu, u li ġieli l-konvenut għin fil-ġnien.
Ix-xhud ġie muri l-erba' dokumenti li jinsabu a fol 1296 sa 1299 – mmarkarti Dok DG1 sa DG 4 uf'Dok DG 1 jikkonferma li dan id-dokumentt hu ffirmat minnu.

**Seduta 15 ta' Lulju, 2022**

Xehdet l-attriċi in kontro-eżami

Abbażi tad-domandi li sarula in kontro-eżami l-attriċi tikkonferma li l-ġenituri tagħha kellhom mentalita tradizzjonali u '*naqra old fashioned'* fejn il-bniet ma jaħdmux. Tgħid li filwaqt li fiż-żwieġ ma kellhiex impieg xorta kienet tgħin fil-ħanut tar-raġel iżda ma kienx iħallasha, mentri ħutu kienu jitħallsu. Meta kienet taħdem il-farm qabel iż-żwieġ ma kenitx titħallas iżda tgħid li ommha:

"*għamlitli ħafna affarijiet,... kienet tatni l-art, kienet għamlitli l-għamara*

*Dr Josette Sultana: X'għamara?*

*A B: Bedroom, kitchen, kienet tatni l-flus u għamilt il-bedroom tat-tfal u xtrajt l-appliances."*[77]

Tikkonferma li l-konvenut kien jieħu ħsieb il-finanzi tal-partijiet u kienu jiddependu fuq il-paga tiegħu.

L-attriċi tikkonferma li żewġha ħa ħsieb il-bini tad-dar u fuq domanda:
"*ara naqblux li l-maġġoranza tal-flus ħariġhom H?*

*A B: Bħala bini iva*

*Dr Josette Sultana: Rigward l-art, kien hemm xi agreement ma' missierek rigward l-art?*

*A B: What do you mean?*

*Dr Josette Sultana: Ara naqblux li missierek ried jagħtiha lilek u lil H?*

*A B: Le li ta lili taha.*

[77] fol 1305

*Dr Josette Sultana: il-ftehimn originali?*

*A B: le dejjem lili ta, lil ħuti tahom ukoll u qatt ma għamlilhom fuq irġiel jew in-nisa tagħhom dejjm ta' uliedu."*[78]

L-attriċi tikkonferma li missierha kien strett u li hi kienet ż-żgħira u l-ġenituri tagħha kienu anzjani u din kienet xi ħaġa li kienet tħossha ma' sħabha, iżda ċaħdet li riedet titlaq mid-dar, iżda biss għax riedet tiżżewweġ.

Fuq domanda jekk kellhiex relazzjonijiet qabel H – hi tgħid: 'imma ta' tfal'.

Tikkonferma li hi u l-konvenut marru għand il-perit flimkien rigward il-pjanta tad-dar u fuq il-pjanta kienu għamlu kollox flimkien, u li kellhom problema rigward il-fonte spizio ħaġa li m'approvatx:

*Dr Josette Sultana: Int ħadt in konsiderazzjoni li din kienet ix-xewqa tar-raġel tiegħek li xtaq?*

*A B: Iva imma tant hi ħaġa nobgħodu li ma naċċettajhiex, aċċettajt ħafna affarijiet imma dik hemm għadha"*[79]

Tgħid li hi xtaqet kċina lesta u mhux kulur skur.

Fuq id-domandi li sarulha fuq dak li lmentat l-attriċi fl-affidavit tagħha li l-konvenut kien iħalliha waħedha waqt riċevimenti, hi xehdet li filwaqt li hu minnu li hija kwieta u riżervata hi xorta waħda tipprova titħallat man-nies u li dejjem kieneet issib ma' min titkellem '*imma kien iħallini waħdi f'receptions'*[80]

Tikkonferma li l-membri tal-familja kienu jmorru għandha iżda bi prudenza kienu jitilqu qabel ma jasal id-dar il-konvenut.

**Seduta tas-7 t'Ottubru 2022,**

Xehdet l-attriċi in kontinwazzjoni tal-kontro-eżami

Fuq diversi domandi fuq reġistrazzjoni ta' ipoteka, l-attriċi xehdet li ma tafx fuq xiex qed tirreferi l-avukat tal-konvenut.
Hija ikkonfermat li żewġha l-konvenut kien il-main breadwinner, u b'referenża ghall-iskola tat-tfal, hija wieġbet li t-tfal l-ewwel marru skola privata imbagħad ħarġu u marru skola tal-Knisja u li bħala ħlasijiet dan kien isir mill-konvenut u

[78] fol 1307
[79] fol 1309
[80] fol 1311

ġieli għenu l-familja tagħha wkoll. Tikkonferma li t-tfal kollha ggradwaw u li hi bdiet taħdem fl-2010 u qabel kienet tgħin lil tal-familja. Kienet taħdem l-*Orienta,* imbagħad kellha impieg ieħor għal ftit xhur u waqfet u ftit snin ilu bdiet taħdem man-*Next.* Fuq xogħol fuq il-farm, l-attriċi twieġeb li meta kienet miżżewġa qatt ma' ħadmet fuq il-farm ta' missierha iżda dik tal-mushrooms t'oħtha.

Tgħid li loans personali ma kellhomx. Terġa' tikkonferma li bħala bini ħa ħsieb żewġha u fuq mistoqsija tal-avukat tal-konvenut:

*"Dr Josette Sultana: il-bini, iva, u kif komplejtu d-dar meta dħaltu kellkom kollox lest?*

*A B: kelli kitchen u bedroom u bathrooms u mbagħad ġew it-tfal, kienet tatni l-flus il-mama u għamiltilhom il-bedrooms tagħhom. Appliances kollox il-mummy*

*Dr Josette Sultana: ok u l-kumplament, poġġaman*

*A B: poġġaman kien ħallsu H, kelli 150 maltin il-bank u kien gegħlni nġibhom biex inħallas il-poġġaman, dawn kienu għandi minn meta kont year one, kienu ħames liri maltinu telgħet daqshekk sakemm ġejt ta' 23 or 25.*

*Dr Josette Sultana: Pero 'l biċċa kbira tad-dar lestejtuhom meta kontu miżżewġin naqblu?*

*A B: Iva iva imbagħad dejjem kien hemm xi maintenance żgħar"*[81]

Fuq domandi rigward weekend breaks u Għawdex, l-attriċi tikkonferma li darba marru l-Mgarr Hotel u darba rebħet weekend break San Ġorg Radisson, il-bqija ma kienx hemm oħrajn u Għawdex qatt ma marru waħedhom, iżda mal-ħabiba tagħha u mhux kull sena.

Fuq mistoqsijiet li sarula, l-attriċi daħħlet fl-aspett ta' dak li ġara bejn ħutha u żewġha, skontha għall-ħabta tas-sena 2013/2014, u dan fir-rigward tal-kumpanija/negozju li kellhom flimkien.
Fuq is-segwenti rimarka tal-avukat tal-konvenut:

*Dr Josette Sultana: Imma din l-istorja magħluqa*

l-attriċi wieġbet:

[81] fol 1330

*A B: Din l-istorja magħluqa imma jiena għadni bit-trawma u minn xiex għaddejt, ma kenitx magħluqa għalija , u qadt kwieta għax kelli tlett itfal żgħar, għax dan seta jeħel il-ħabs..."*[82]

L-attriċi ġiet mitluba telabora fuq dak li tgħid fl-affidavit rigward it-tieġ tat-tifla ta' ħuha u spjegat li minħabba dak li kien seħħ bejn il-familji ħasbet li ma kenitx ser tkun mistiedna, u li ferħet ħafna meta stednuha u skontha minħabba din l-istedina l-konvenut qalilha: '*se nispara għal rasi, kont imwerwra, u morna minn hawn u minn hemm u H ġie miegħi, kien qisu mhux hu u jiena qalbi mtertqa*"[83]

In kontro-eżami tgħid li qatt m'għamliltu pressjoni fuq xogħol jew fuq flus. Fuq suġġeriment li riedet tkeċċih 'il barra wieġbet:

A B: " *jien qatt m'għedtlu biex jitlaq lil H*

Dr Josette Sultana: *Mela x'kienet ir-raġuni?* (li raqad barra fil-ġnien)

A B: *H kien bagħtni għand l-avukata, qalli mur għand l-avukata għax ma jistax ikun nibqgħu sejrn hekk, kont xbajt immur għand psychologist qabel.*

Dr Josette Sultana: *Jiġifieri kien jorqod fit-terazzin.*

A B: *le mhux fit-terrazzin, barra fil-front garden*

Dr Josette Sultana: *X'kien għalxejn kien jorqod hemm?*

A B: *Xejn, anka t-tfal jżelgħu bih biex jidħol ġewwa ma kienx ikun irid*

Dr Josette Sultana: *X'kienet ir-raġuni?*

A B: *Ma nafx ma stajtx insib tarf*

Mitluba tgħid għalfejn marru għand psikologa l-attriċi tgħid sabiex jippruvaw isalvaw iż-żwieġ. Ġie suġġerit lilha mill-avukat tal-konvenut li r-raġuni kienet mnħabba problemi li kellha minn mindu kienet żgħira:

*Dr Josette Sultana: Ara naqblux għaliex il-problemi kienu ġejjin minn mindu kont żgħira?*

*A B: Ta' min tiegħi?*

[82] 1331
[83] fol 1331

*Dr Josette Sultana: Iva, tiftakar x'qaltlek il-psikologa?*

*A B: Le.*

*Dr Josette Sultana: Rigward ir-relazzjoni li kellek qabel H, ara naqblux li din kienet waħda mill-problemi għalxiex ma stajtx timxi 'l quddiem?*

*A B: x'relazzjoni hi, jien lil H biss kelli bis-serjeta*

*Dr Josette Sultana: Bis-serjeta, li ma approvawx il-ġenituri tiegħek meta kont toħroġ bil-lejl?*

*A B: Dik kienet ma xi ħadd li kien ikbar minni, xejn ma kien hemm xejn xejn xejn*

*Dr Josette Sultana: Ara naqblux li anka l-psikologa qaltlek li kienet waħda mill-problemi?*

*A B: Jien sa fejn naf jien qatt ma semmejtha mal-psikologa*

*Dr Josett Sultana: jista' jkun li nsejt?*

*A B: Żgur li qatt ma semmejtha*

*Dr Josette Sultana: u x'kienet din ir-relazzjoni li kellek problemi anka d-dar fuqha?*

*A B: Ovvjament il-ġenituri ma approvawhx għax kienet persuna ikbar minni, kien joqgħod ħdejna, l-anqas jiena ma ridt, imma ta' tfal, avventura*[84]

Fuq domandi jekk il-konvenut ried isalva ż-żwieġ l-attriċi wieġbet li kellha dubji għax bdiet tirċievi ammont messaġġi b'ħafna kwotazzjonijiet mill-Bibbja li: *kont se niġġennen bil-messaġġi li kien jibgħat ... hu kien qed jinqeda qiegħed. ... imma anki waqt ix-xogħol jibgħat, kont qed inħossni abbużata bil-messaġġi...*
...
*Dr Josette Sultana: Pero` ara naqblux li hu ried isalva ż-żwieġ?*
*A B: Anka jien ridt insalva ż-żwieġ?*
*Dr Josette Sultana: u x'għamilt?*

[84] fol 1333

*A B: jien qabel ma bdiet din l-kwistjoni ma' ħuti kont diġa ma nifilħux iżjed bħala karattru u nibqa' nissaporti u nissaporti u nara kif nagħmel u nitlob biex insalva ż-żwieġ imma jagħmel ftit kalm u jerġa jiġi għal li kien."* [85]

u tkompli billi tgħid li kien it-tip li kollox kif jgħid hu u ma kien jgħidilha xejn fuq kif kien qed jinvesti l-flus u jinqeda bil-propjeta tagħha meta jkollu bżonn jagħmel garanzija u hi dejjem tibża li setgħu jeħdulha d-dar '*għax dejjem bl-inkwiet mal-bank'*[86]

**Seduta tat-28 t'Ottubru, 2022**

Xehdet Joanna Bartolo in rappreżentanza ta' BOV
Fejn esebiet 8 dokumenti mmarkati Dok JBX 1 sa Dok JBX 8. Ix-xhud ippreżentat updates tal-attriċi minn Mejju 2021 sa' Ottubru 2022 (Dok JBX 1 sa Dok JB X4), u l-updates ta' C B minn Ottubru, 2020 (DokJBX 5 sa Dok JBX 6). Dok JBX 7 kont li l-attriċi kellha ma' terzi (ħutha rigward il-wirt), u Dok JBX 8, il-kont ta' Giovanna J, fejn mill-wirt l-attriċi ħadet €83, 071.97 li kien mogħti lilha bħala bankers draft.

Xehdet l-attriċi in kontinwazzjoni tal-kontro-eżami
F'din is-seduta l-attriċi ġiet murija dokumenti mmarkati DokJS 1 sa Dok JS 5, fejn ikkonfermat li d-dokumenti in kwistjoni kienu relatati ma' sehemha ta' flus li rċeviet mill-konvenut fis-snin 2019, 2021, 2022 fosthom sehemha ta' rental income u imgħax, u mitluba sabiex tgħid x'interessi tagħtu minn tagħha qalet li ma tantx kellha iżda ikkonfermat li ma tagħtu xejn u ikkonfermat li ladarba mhijiex qed tuża l-ebda waħda mill-karozzi ma reditx tħallas l-ispejjeż tagħhom.

Ġie murija Dok JS 5, ossia ittra mibgħuta lilha fit- 2 ta' Lulju, 2019 mill-konvenut fejn ġie suġġrit lilha li r-raġel tagħha ipprova kemm-ildarba jirrikonċilja magħha u wieġbet: *imma skont kif ried jirrikonċilja....* u fuq suġġeriment li l-proposta tagħha kienet li jitlaq mid-dar u ma jieħu xejn wieġbet:*le jien qatt ma għedtlu li ma jieħu xejn li hu tiegħu seta jeħodhom, u ridt intih l-affarijiet mid-dar bil-karozzi, kollox u l-proprjeta li hemm.*[87]

Tikkonferma li d-dar tinjorah iżda tiċħad is-suġġeriment li ħallietu mal-art meta kien ma jiflaħx tant li wieġbet: "*le ma kienx ma l-art, ħdejn it-taraġ kien, dan għandu hsieb* (sieħba?*) seta, ċempel lil ħabiba"*[88]

[85] fol 1335
[86] fol 1335
[87] fol 1344
[88] fol 1345

Ġie suġġerit lill-attriċi li fir-rigward tat-tieġ tan-neputija r-raġuni li l-konvenut ma riedx imur kien fuq kwistjoni relatata maċ-ċumnija ta' ħuha wieġbet:

*Iva fuq iċ-ċumnija kien hemm kwistjoni għax imbagħad daħlu l-piki ma ħuti għax ħa l-flus.*[89]

In ri-eżami tgħid li id-diżgwid kien għax ħadilhom (lil ħutha s-subien) il-flus.

**Seduta l-1 ta' Diċembru 2022**

Xehed il-konvenut in kontro-eżami

Il-konvenut ġie mitlub jispjega x'ried jgħid biha meta fl-affidavit tiegħu jgħid li mill-ewwel kien induna li l-familja tagħha ma kienux jafdawha u wieġeb:

*C B: A stess kienet qaltli li kienet toħroġ bil-lejl meta ħuta u ommha u missierha kienu jkunu reqdin u tmur ma' wieħed maġenba li kellu eta` ikbar minnha u kienet stqarritli wkoll li kienu għamlu minn kollox.*

*Dr Kathleen Mizzi: Spjegalna, x'inhu minn kollox?*

*C B: atti sesswali minn kollox*

*Dr Kathleen Mizzi: U tatek informazzjoni fuqhom dawn?*

*C B: No*

...
*saqsejtha u hi qaltli li kienet għamlet minn kollox."*[90]

Jgħid li beda jaħdem id-dwana fis-sena 1985 imbagħad daħal fin-negozju ta' missieru għax missieru kien ħa joħroġ bil-pensjoni u baqa' jmexxih sas-sena 2005 sallum għadu jieħu ħsieb fejn il-familja tiegħu għandu l-uffiċini mikrijin, u meta il-familja tiegħu fetħu l-kumpanija Tal-Prim Limited huwa diġa` kien miżżewweġ. Jikkonferma li l-kumpanija kellha bżonn il-flus biex topera u sselfet mill-Bank HSBC fejn jgħid li l-binja stess tal-kumpanija għamlet tajjeb għas-self iżda fuq domanda tal-avukat tal-attriċi:

*"Liema diretturi għamlu tajjeb mill-assi tiegħu?*

[89] fol 1344
[90] fol 1506

*C B: Kulħadd, kulħadd jagħmel tajjeb bl-assi tiegħu, jekk inti direttur kulħadd irid jagħmel tajjeb bl-assi tiegħu.*

Iżda kif jirriżulta mill-kontro-eżami tiegħu kienu l-partijiet u oħt il-konvenut u r-raġel tagħha li kienu qed jagħti garanzija bil-propjeta u jgħid:

*C B : Għax probabilment ħuti l-oħra kienu għadhom mhux miżżewġin*

*Dr Kathleen Mizzi: iva imma xorta m'għamlux tajjeb*

*C B: ma kellhomx, dawn kienu għadhom jgħixu d-dar*[91]

Jikkonferma li kellu l-prokura tal-attriċi u fuq domanda jekk qalilhiex jekk kellhomx problemi mal-HSBC wieġeb li: *d-dokumenti kollha dejjem kienu d-dar tagħna personali, id-dokumenti kollha dejjem kienu, meta ġieli staqsietni kont ngħidilha...*"[92]
U fuq domanda jekk qalx lill-attriċi li fis-sena 2002 kellhom iktar minn mitejn elf lira Maltin dejn, wieġeb:
"***<u>Li kieku saqsietni kont ngħidilha, A ma tantx kien jimpurtaha minn dawn l-affarijiet , qatt ma kienet tagħti kasi.</u>***

***<u>Dr Kathleen Mizzi: Tajjeb, iġifieri inti qed tgħid li A ma kinitx taf illi d-dejn mal-HSBC kien mitejn elf lira Maltin fl-2002?</u>***

***<u>C B: Bħala co-shareholder kellha kull dritt, anzi kull obbligu li tiċċekkja regolari l-accounts tal-kumpanija</u>***

***<u>Dr Kathleen Mizzi: Imma int m'għidtilhiex?</u>***

***<u>C B: Jekk ma saqsitniex jien mhux se ngħidilha"...</u>***
***<u>...</u>***
***<u>omissis</u>***

***<u>Dr Kathleen Mizzi: Imma ħa nerġa nagħmillek d-domanda forsi mhux qed niftehmu bil-Malti, meta inti dehert fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' mitejn elf lira Maltin, mal-HSBC, il-mara kienet taf li inti ħa tiffirmahom dawn?</u>***

***<u>C B: Nassumi li kienet taf</u>***

[91] fol 1509
[92] fol 1510

***Dr Katthleen Mizzi: Nassumi, għedtilha inti?***

***C B: Jekk ma tisttaqsiniex ma nistax inweġibha imma kull meta staqsietni dejjem weġibtha, il-karti kienu dejjem hemm preżenti biex tarahom[93]***
(Emfasi tal-Qorti)

Jikkonferma li l-attriċi qaltlu li ma kenitx kuntenta kif kien sejjer in-negozju ta' Tal-Prim, u mistoqsi jekk jiftakarx x'kienet qaltli wieġeb: *"Le ma niftakarx illuminani."*

Ġie mitlub jispjega kif tħallas dan id-dejn u jgħid li inbiegħu xi assi u ħadu self mill-Bank APS. Mistoqsi dan meta kien wieġeb bejn 2005/2006 u hemmhekk saritlu referenza għal parti tal-affidavit tiegħu fejn jammetti li kien għamel żball kbir meta uża l-flus mill-kumpanija li kellu ma' ħut l-attriċi u poġġihom fil-kumpanija ta' Tal-Prim. Jikkonferma li kien użahom għal Tal-Prim, iżda jopponi għas-suġġeriment li dan kien misapproprjazzjoni għax kien għamel paper trail fuq il-computer ta' kull ma ħa u li din illum kwistjoni magħluqa. Mitlub jgħid x'kienet ir-reazzjoni tal-attriċi wieġeb:

*"Nahseb li lilha trid issaqsi mhux lili"*[94]

Fuq iktar domandi tal-avukat tal-attriċi jikkonferma li ħutha għajjruha ħafna, u li martu kienet inkwetata ħafna: "*ngħid li kellha raġun tkun inkwetata ħafna bejn trid temmen lili u bejn trid temmen lil ħutha*"[95]

Mistoqsi jekk jafx jekk l-attriċi marret titkellem lill-Kappillan fuq din il-problema u sssuġerielha biex tipprova tirranġa l-affarijiet, wieġeb li ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni fuqha u li minn naħa tiegħu ma kienx tkellem mal-Kapillan fuq hekk u żied: *"mela naħseb A kienet tkellmu fuq ħafna affarijiet lill-Kapillan, u mhux dawk biss imma ħafna affarijiet oħra u saħansitra kienet tgħid li tmur tkellmu d-dar tiegħu.*

*Dr Kathleen Mizzi: Għandek idea li l-Kappillan kien jgħidilha meta tkellmu, isma agħmlu sforz ippuvaw irranġaw iż-żwieġ u jekk hemm bżonn ippruvaw morru counselling?*

*C B: le jiena ma nafx, darba ġiet qaltli li l-kappillan ipproponhiela counsellor u qaltli li lest li jħallasha hu għax aħmna s-sitwazzjoni finanzjarja tagħna kienet,*

[93] fol 1510
[94] fol 1313
[95] fol 1515

*biex it-tfal jibqgħu għaddejjin u ntuhom edukazzjoni, qaltli li anka lst li jħallas hu l-kappillan.'*[96]

Jikkonferma li marru counselling. Jixhed li kemm-il darba ġibed l-attenżjoni ta' martu fuq il-ħbiberija li kellha mal-Kapillan "*kull fejn kienet tara lill-Kappillan tinħall qiesha silġa, tmur tqerr id-dar tiegħu, taħsillu, issajjarlu kull nhar ta' Ħadd spiċċajna, issajjarlu u jien għalija dak kien, dan kien, kif naqbad ngħid, biex tweġġa' lir-raġel.*"[97]
Jikkonferma li minn naħa tiegħu, huwa ġieli mar jaħratlu l-ġardina iżda *'mhux relazzjoni kunfidenzjali'*[98]

Huwa jinnega li nvolva lit-tfal f'din il-kwistjoni tal-kappillan u jwaħħal f'martu għal parental alienation u dan speċjalment fil-konfront tal-iżgħar wild G B u mistoqsi l-eta ta' dan it-tifel, wieeġeb li għandu 24 sena iżda jżid li ilha taljenahaom. jinnega li qatt qal lit-tifel il-kbir tiegħu li mhuwiex missieru u jsostni li qallu: "*Għedtlu jien, għedtlu, ħa ngħdilek x'għedtlu eżatt, għedtlu jien qisni jien mhux missierek hekk għedtlu, qiesni jien m'iniex missierek il-mod kif qed taġixxi.*"[99] Il-konvenut ikkonferma li kellem lill-G fuq parental alientation u jgħid li t-tifel ilu sentejn ma jkellmux. Mistoqsi x'inhu l-kontribut tiegħu vis-a-vis ibnu G jgħid: *" mela kontribut li bl-isforz tiegħi dan it-tifel ġie fid-dinja, għax ommu riedet tnehhih.*

*Dr Kahleen Mizzi: għedtlu?*

*C B: iva għedtlu, qalli s-salvatur tad-dinja inti."* [100]

## Seduta tas- 6 ta' Diċembru, 2022

<u>Xehed il-konvenut in kontinwazzjoni tal-kontro-eżami</u>

Jikkonferma li biex ħallas is-self li *Tal-Prim* kellha mal-HSBC, il-kumpanija ħadet loan mingħand l-APS u d-dar Triq X għamlet tajjeb għad-dejn. Il-konvenut jgħid li dan id-dejn hu kollu saldat. Mistoqsi fuq l-overdraft li l-partijiet ħadu mill-APS jispjega li kien jaħdem fis-serer li jirrikjedi ammont ta' flus u parti mill-overdraft għadu hemm. Iżid jgħid li parti mill-*overdraft* intuża sabiex jibnu washroom fuq il-bejt għat-tifel E pero ma jiftakarx id-data iżda dan kien wara li

---

[96] fol 1518
[97] fol 1517
[98] fol 1517
[99] fol 1520
[100] fol 1521

E ġie minn Firenze. Jgħid li anki l-ħlasijiet li kien jgħaddi lill-E kienu jsiru mill-overdraf, u c-*cheque book* dejjem zammu hu u hu kien joħroġ iċ-ċekkijiet.

L-Affidavit tal-konvenut[101]

Il-konvenut jibda billi jgħid li ltaqa' mal-attriċi meta kellu 23 sena fid-diskoteka *Vibes* f'San Ġwann, u jgħid li l-attriċi kellha 17-il sena.

Wara ftit missier l-attriċi mar id-dar tiegħu ma' ċertu P U, r-raġel t'oħt l-attriċi. Kien hemm ommu preżenti u introduċa ruhu. Jgħid li missierha kellu pjaċir bih u jekk huwa xtaq ikompli joħroġ magħha ried josserva xi kundizzjonijiet – "*xejn speċjali imma prinċipalment fuq il-ħinijiet u stedinni biex anki nidħol ġo daru.*" [102]

Ikompli billi jgħid li meta kienu joħorġu ġieli kellhom l-għassa warajhom u skontu: "*Mill-ewwel kont bdejt ninduna li lil-A ma' kienux jafdawha. Sirt naf aktar tard waqt l-għerusija li meta kienet għada taħt l-eta` ta' u ċioe` meta kellha sittax(16) -il sena għamlet żmien toħroġ bil-lejl bil-moħbi meta l-familja kienu jkunu reqdin u tmur ma' persuna ta' eta` akbar minnha u tmur miegħu f'post qrib id-dar tagħhom.*"[103]

Skont l-konvenut l-attriċi stqarret miegħu li kellha atti sesswali ta' kull tip ma' dan il-persuna u jkompli jgħid li l-familja tagħha *'qatt ma urewni xejn u jiena qatt ma tkellimt xejn ma ħadd, iżda kont dejjem ngħid lili nnifsi li kienet ġiet abbużata u l-ġenituri ħbew kollox.*" [104]

Jgħid li fl-1985 tgħarrsu u kellhom ċeriminja sempliċi fid-dar tal-ġenituri tagħha, u skontu dan ifisser li kien hemm proponiment għaż-żwieġ

Fir-rigward tal-art li missierha kien ser itiha huwa jsostni:

*"Hawn jien kont tkellimt ma missierha u kien wegħdni li jekk nibni id-dar jien u hu joffri l-art, qabel ma niżżewġu jgħamel il-kuntratt fuqna t-tnejn."*[105]
Il-konvenut iżid jgħid li dak iż-żmien il-valur tal-plot kien biss Lm 4000 meta biex tibni u timli d-dar kellek bżonn Lm 40,000: "*Meta wasal il-jum biex inmorru għall-kuntratt, missierha kien qalli li ser jiktiba donazzjoni fuq A. Kien qalli mhux xorta ser tgawdija int magħha. Kont vera mweġġa dakinhar imma xorta mort*

[101] fol 1315
[102] fol 1316
[103] fol 1316
[104] vide fol 1316
[105] fol 1316

*magħhom għand in-nutar Micallef Ħal Balzan Sa dakinhar kont nfaqt il-fuq minn Lm 25,000, li kienu flus għal dak iż-żmien. Jien kont bil-għaqal u kont naħdem uffiċjal tad-dwana sa nofs 1985 u wara dħalt bin-negozju tal-merċa li kien ta' missieri."*[106]

Jgħid li kin isellef Lm 6000 mingħand zitu u jgħid li mal-affidavit tiegħu kien qed jippreżenta d-dokumenti mmarkarti Dok A1 sa Dok A3 li juru x-xogħolijiet li għamel qabel iż-żwieġ; Dok B1 sa Dok B2 rigward ix-xogħol li sar ġod-dar fiż-żwieġ; u Dok D 1 u D 2 li juru l-ispejjez tal-bini biss – **Il-Qorti tirrileva li dawn id-dokumenti ma jirriżultawx mill-atti.**

Ikompli billi jsostni li illum iħossu tradut iktar minn qabel: "*għax issa jfisser li nispiċċa bla saqaf u nispiċċa norqod fit-triq"*

Il-konvenut jirreferi għall-għamara antika u inċiżjonijiet li huwa kien ħa miegħu fid-dar meta żżewġu u jgħid li l-attriċi taf dwarhom u qatt ma oġġezzjonat fuqhom, u jikkonferma li l-ġenituri tal-attriċi kienu ħallsu għall-kċina u kamra tas-sodda. Filwaqt li jgħid li huwa kien sab mastrudaxxa ma jaqbilx li saru kif ried hu u jsostni li saru kif riedu t-tnejn li huma.

Jgħid li kien ikollhom battibekki minn ftit wara li żżewġu għax il-familjari tagħha kienu l-ħin kollu għandhom u beda jsakkar il-bieb ta' wara meta skontu sab xi flus neqsin għall-darbtejn.

Jgħid li kien hemm qbil bejniethom li sakemm it-tfal jikbru, l-attriċi tibqa' d-dar u li għalhekk kellu 3 xogħolijiet f'daqqa. Jammeti li għażel l-isem tal-kbir u li l-attriċi għażlet ta' E u G. Jgħid li kull xahar kien jgħaddilha somma mill-paga tiegħu u jħallas għall-bżonnijiet kollha hu.

*"Għamilna diversi alterazzjonjiet fil-kmamar, bitħa ta' wara biċ-ċeramika u BBQ area, irranġajna u ftaħna il-living room. Aktar riċenti konna tellajna kamra u lestejniha bix isservi a' workshop għall-E wara li spiċċa l-istudji tiegħu tar-restawr Firenze."*[107]

Skontu l-edukazzjoni tat-tfal kienet prijorita tat-tnejn u jħoss li jekk huma fallew f'kollox f'dak li għandu x'jaqsam mat-tfal *'hawn eċċellajna'*[108] u jsemmi eżempji varji tal-opportunitajiet li taw lill-uliedhom li illum kollha huma mlaħħqin sew f'xogħolhom.

[106] fol 1317
[107] fol 1318
[108] fol 1318

*"Inħoss li A hija inġusta meta tgħid li ma ridtx li E jmur jistudja Firenze. Dak iż-żmien konna inħallsu il-loan repayment tal-karozza , tlett mija u wieħed u sittin ewro (€361) kull xahar, u E kellu bżonn għajnuna ta' sebgħa mitt ewro (€700) fix-xahar biex jgħix Firenze. Kienu żminijiet diffiċli u ma nistħix ngħid li kemm-il darba issellift biex ikollu biex inħallas elf u sittin ewro fix-xahar (€1060) barra l-ispejjeż normali u ħajja."* Iżid li lill-E għamilli garanzija personali fuq loan li ħa mill-APS Bank.

Jgħid li kien jagħmel budget u kull sena kienu jew isiefru jew imorru Għawdex ġieli mat-tfal jew ma' ħbiebhom u jżid li l-attriċi anki telgħet Londra bix tixtri libsa u żarbun għat-tieġ tan-neputija tagħha. Fis-sajf kważi kull nhar ta' Ħadd l-Armier mal-familja '*kien qisu ġenna hemmhekk jiġru, jilgħabu u jgħowmu"*[109]

Jgħid li wara x-xogħol kien jaħdem fis-serer u kien jispiċċa jasal id-dar tard u jiekol waħdu għax l-attriċi tkun kielet mat-tfal.

Jixhed fuq dak li hu jissejjaħ *żball kbir* kif ġej:

*"Għamilt żball kbir u pruvajt ma nuri lill ħadd. Għaddast rasi. Jiena kelli sehem f'kumpanija flimkien ma' żewġ ħut A kif ukoll kelli sehem f'kumpanija ma ħuti fil-merċa. Użajt flus minn l-ewwel kumpanija għat-tieni kumpanija, mhux biex nisraq xi flus imma ridt neħles minn loan li kellna fil-kumpanija ta' ma' ħuti. kont użajt kważi Lm25,000 u wara bdejt inroddhom lura u nagħmel depositi regolari. Kont żammejt Paper Trail tat-transazzjonjiet kollha. Meta ndunaw minkejja li kont ippreżentajt id-dokumenti u computer lill-ħut il-mara u l-accountant tagħhom xorta ma kienux emnuni. Kien żmien ikrah u poġġejt lill-A f'diffikulta enormi, imma hi kienitx emnitni u wara diversi negozjati ilħaqna ftehim. Għadni dispjaċut li weġġajt diversi persuni bl-aġir tiegħi. Tlabt maħfra diversi drabi iżda sfortunatament kien hemm min ma ħafirx, bil-konsegwenzi li wara diversi snin, anki A dawwret il-fehma tagħha kompletament kontra tiegħi. Kien hemm min influwenza lill-A u ġellduha kontra tiegħi biex anki seta jwassal għat-tkissir tal-familja tagħna. Din l-istorja kollha ingħalqet sar ftehim u ġie konkluż kollox. Ngħid li matul dak iż-żmien* ***A xorta tagħat is-sapport tagħha lili*** *u ħajjitna baqgħet għaddejja għal diversi snin mingħajr problemi ta' xejn erġajna fuq saqajna finanzjarjament u komplejna flimkien sakemm intavolat dawn l-proċeduri."*[110] (Emfasi tal-Qorti)

Skont il-konvenut mhux veru li l-attriċi dejjem kellha relazzjoni tajba ma' ħutha kollha, u li kienet tgħid li ħuha I jobgħodha għax ħaditlu postu bħala ż-żgħira fil-familja.

[109] fol 1318
[110] fol 1319

B'referenza għal dak li tgħid l-attriċi li ma kienx ikollhom l-flus – huwa jgħid li filwaqt li ma kellhomx flus kemm kellhom il-ġenituri tal-attriċi, xorta kellhom flus u dan tant li darba siefret u marret Londra biex tixtri libsa u żarbun għat-tieġ tan-neputija fejn jaf li nefqet €400, għax ra il-prezzijiet fuq l-affarijiet li xtrat. Jgħid li kienet l-attriċi li dejjem riedet aktar flus u in fatti bdiet taħdem bħala salesgirl u huwa jgħid li ma oġġezzjonax. Jgħid li kif jirriżulta mix-xhieda tal-employer tagħha kellha arranġament magħhom biex il-payslip jinkludi parti biss mill-paga tagħha u l-kumplament kienet titħallas cash u jgħid li l-manteniment tat-tifel kien ibbażat fuq dak li hija ddikjarat.

Jgħid li K ħu martu sallum ma jkellmux u jsemmi fost oħrajn, li darba qallu li jobgħodu minħabba inċident li kien involut fih D meta kellu 5 snin fejn weggħet sew it-tifla ta' K. Jgħid li K kien anki vendikattiv mat-tifel E u meta jħawwel ix-xitel kien jaħratlu kollox.

Fuq missier l-attriċi jgħid li '*kien jafdani u jafda ħafna miegħi'* u li '*għintu diversi drabi'*[111] u bl-għajnuna tiegħu rnexxilu jġiblu flusu lura minn xi ħadd li kien sellef il-flus li kien joqgħod San Pawl il-Baħar; fuq diżgwid li kellu fuq wirt; u fir-rigward ta' tlett kontijiet li kellu l-Ingilterra fejn kien hemm involut bankier Malti fejn irriżulta li dan il-bankier kien iddepożita dawn il-flus f'ismu stess u bl-insistenza tiegħu rnexxilu jġibhomlu lura. "*Konna morna xi tlett darbiet oħra u wara xi erba' xhur kien reġa dawwar il-flus fuq W. Ma nafx jekk W qattx qalilhom lill-uliedu imma lili kien qalli biex ma nitkellem xejn. Li naf żgur li dan l-istess bniedem kellu jagħti ħafna eluf lill-I u K, u kienu damu ħafna biex ħadu flushom lura. .."*[112]
Jgħid li dawn huma l-istess flus li l-attriċi għamlet referenza għalihom fl-affidavit tagħha. *"fejn qalet li jien ma qbiltx kif ried iqassamhom missiera. L-istorja mod ieħor. Kont ħeġġiġt ħafna lill-W biex iġib il-flus meta ingħatat amnestija mill-Gvern u kont ħeġġiġtu biex il-flus jgħamilhom fuqu u fuq omm A. A taf li min beda jħeġġeġlill-W jqassamhom il-flus fuq it-ttfal, kien qed jagħmel hekk għax kellu djun ta' mijiet ta' eluf. Qed nirreferi għal P U ir-raġel ta' Lucy .."*[113]

Fir-rigward il-*birthdays* rispettivi tagħhom jgħid li huwa dejjem apprezza kull ċelebrazzjoni u fil-każ tiegħu l-aħħar ċelebrazzjoni kienet meta għalaq 50 sena, u ma jaqbilx li hu kien jinsa l-*birthday* tal-attriċi – *'kemm-il darba ċċelebrajna għeluq żmien(h)a mar-ragel t'oħti Susan' Jghalqu żmienhom fl-istess ġurnata . Taf hi x'tajtha bħala rigali. U hemm xhieda minn kien preżenti. Imma nsemmi l-aħħar birthday li ridt nissorprendija. Kienet qaltli li wara x-xogħol kient ser tieħu drink l-ewwel ma tax-xogħol u ma ddumx. jien lestejt il-cake sabiex x'ħin tiġi taqsmu. Bqajt nistenna aktar mill-ħdax. Tlajt norqod u ħassejtni umiljat. Bħall*

[111] fol 1321
[112] fol 1321
[113] fol 1321

*ħafna drabi l-ħbieb jew ħutha dejjem ġew qabli. Ir-rigal għadu għandi mgeżwer kif kien dakinhar*[114]

Huwa jinnega li huwa qatt heddidha li ser jagħmel suwiċidju.

Jgħid li l-attriċi kienet tattakah verbalment u tgħidlu: 'hawn dari' 'tista' titlaq il-barra' u fir-rigward ta' dak li qalet fl-affidavit li hu ma kien juriha xejn f'dak li għandu x'jaqsam in-negozju ta' Tal-Prim – huwa jsosnti li l-karti dejjem inzammu d-dar u li minkejja li '*jiena mill-ewwel daħħalt lill-A biex jkollha nofs is-sehem tiegħi.'*[115]

B'referenza għall-psikologi l-konvenut jibda billi jgħid li l-ħabib tal-attriċi li rrefera lil psikologa kien proprju l-Kappillan Fr David Gauci. Jgħid li marru għandna numru ta' drabi u l-aħħar darba li marru riedet tkellem lill-attriċi waħedha: "*Lili ma qaltli xejn u ma saqsitniex biex nerġa nattendi darb'oħra."*[116]

Baqa' jħossu depressed u t-tifel E ssuġerixxa li jmur għand psikologa oħra Therese ġewwa H'Attard. Mar għandha għal diversi xhur u darba talbitu biex jistieden lill-attriċi biex tmur ukoll: "*kienet kelmitha waħedha lill-A dakinhar. Meta wara tkellmet lili, il-psikologa kienet qaltli li A kienet bniet ħajt insuperabbli u li kellha xi ħaġa ilha ġejja minn xi issue ta' qabel iż-żwieġ. Kienet tagħtni parir biex nibda naħseb u nadatta biex ngħix waħdi. Kienet wissietni fuq diversi affarijiet li jistgħu jissuċċiedu minn dakinhar il-quddiem. Kienet tkellimni ħafna fuq kif jistgħu jaġixxu it-tfal, fuq kif jiġu influwenzati kemm fit-tajjeb u kemm fil-ħażin. Ma' żmien ħafna milli qaltli seħħ. kont mort diversi drabi oħra wara. Dan l-aħħar sibt għajnuna u inkuraġġament fuq il-post tax-xogħol "*[117]

Il-konvenut ikompli biex jagħti dettall fuq il-ħafna mumenti diffiċli li kellu matul iż-żmien, bħal per eżempju li skontu meta l-attriċi saret taf li kienet tqila bit-tieled wild tagħhom hi bl-ebda mod ma riedet iżżomm it-tarbija.[118]

Isemmi l-inċident li kellu fuq sit ta' kostruzzjoni fis-sena 2015 meta ċemplilha mill-isptar fejn qaltlu li kienet ix-xogħol u ma setgħetx tmur ħdejh "*ħassejt id-dinja taqa' fuq... meta ħaduni d-dar , anqas biss indenjat tkellimni...dan kien mument ieħor ta' tbatija fir-relazzjoni tagħna"*[119]

---

[114] 1322
[115] fol 1322
[116] fol 1323
[117] fol 1323
[118] vide fol 1323
[119] fol 1323

Isemmi inċident li seħħ 4 snin qabel ma ppreżenta l-affidavit tiegħu meta ċempillu l-kuġin tal-attriċi biex jgħidlu li kien hemm persuna fis-serra tal-għalqa. Meta wasal ħassu ħażin għax hemm induna li xi ħadd kien ikkometta suwiċdju- i jgħid kemm dan kien perjodu diffiċli għalih pero martu minkejja li kienet taf li kien qiegħed ħażin ma tagħtu l-ebda sostenn.

Isemmi episodju ieħor li seħħ xi tlett snin qabel ma ppreżenta l-affidavit tiegħu – kien ġranet wara operazzjoni li kien għamel f'irkobtu. Martu ħarġet mid-dar u hu ddeċieda li jimxi bil-mod sal-każin. Wara ftit rċieva telefonata mingħand il-pulizija - huwa spjegalhom li ma setax imur dak il-ħin għax ma setax isuq u li meta ġranet wara mar l-għassa sar jaf li martu għamlitlu rapport ta' stalking fejn spiċċaw telgħu l-Qorti u kien ħareġ illibert.

Jgħid li hu dejjem ħadem full time minn mindu kellu 18-il sena u jekk biddel l-impieg tiegħu sabiex itejjeb ix-xogħol u kundizzjonijiet. Waq il-Covid spiċċa redundant fejn dam bla xogħol għall-ħames xhur u matulhom xorta ħallas il-manteniment ordnat mill-Qorti. Jgħid li illum jaħdem mal-Aġenzija Appoġġ bħala Administration Executive.

Rigward il-karattri rispettivi tagħhom huwa jgħid:
"*A minn dejjem kienet ta' ftit kliem u ma tkomplix ħafna meta naqbdu konversazzjoni fuq suġġetti varji. Għall kuntrarju jiena wieħed li dejjem nipparteċipa, dejjem żammejt ruħi aġġornat fuq dak li jiġri madwarna u fid-dinja. Meta nitkellem fuq xi suġġett nipprova li jkolli opinjoni ibbażata fuq fatti, u nipprova insostni il-punt li nkun inrid inwassal. Leħni jgħajjat u għoli ħafna, u hemm min jieħu l-impressjoni li nkun qed niġġieled u nillatika meta ma jkunx il-każ. Żgur mhux il-fatt, imma dejjem ferm u tal-punt. Din kienet idejjaqa lill-A.*"[120]

Skontu l-attriċi inbiddlet meta bdiet taħdem u jgħid li hu ma baqax rilevanti. Kompla li żdied il-ħruġ ma' ħbieb ġodda u kien jitlobha kważi kull ġimgħa biex joħorġu u ma kenitx tkun trid sakemm mhux mal-koppja O jew avveniment organizzat mill-Kappillan li miegħu skontu kienet saret '*ħobża u sikkina*' , jilmenta li kienet dejjem terfagħlu siġġu u jgħid li : *kont vera ninħaraq u nitbqbaq'*[121] Il-konvenut jagħmel ħafna insinwazzjonijiet li martu ma kenitx sempliċi ħabiba tal-Kappillan, u dwar dan kien anki mar jitkellem mal-Isqof wara li sab l-ittri li esebixxa waqt ix-xhieda ta' Fr David Gauci, fejn skontu huwa għalhekk kien telaq mill-Parroċċa ta' Ħal Lija u mar in-Naxxar. Meta jsemmi d-diversi laqgħat li kellu mal-Arċisqof jsemmi wkoll fil-laqa' li kellu wara li l-Arċisqof kellu jagħmel il-verifiki tiegħu fuq il-ħbiberija li martu kellha ma' Fr

[120] fol 1325
[121] fol 1325

David, l-Arċisqof tah ħames mitt Ewro "*għax kien induna bil-piż li wieħed għandu biex iżomm familja."*[122] u b'dawk il-flus xtara laptop għall-G.

F'laqgħa oħra li kellu mal-Arċisqof, huwa jgħid: "*Kelli laqgħa oħra mal-Arċisqof meta ltqajna ġewwa l-Mużew tal-Mdina erġajt qsamt miegħu il-weġgħat u is-sitwazzjoni tal-Kappillan u marti. Dak iż-żmien kien qed ikun hemm diversi paroli u kummenti fuq il-Kappillan u marti u ġieli smajt min jitfa' xi botta li ċertu nies deħlin u ħerġin id-dar tal-Kappillan. Dakinhar kien talabni biex nitolbu flimkien ħalli nsibu is-sabar u naħfru. Dakinhar ma kenitx qrara imma kien tgħani parir ta' Avukat li hu, biex jekk sfortunatament nispiċċaw il-Qorti, intella jixhed lill-kull min hemm bżonn mingħajr eċċezzjoni. Wara ftit xhur Fr David kien ġie trasferit għan-Naxxar u A bdiet tmur tisma il-quddies hemmhekk."*[123]

Skont il-konvenut huwa bagħat sms lil Fr David u rċieva risposta mingħandu biex jiltaqa' magħhom it-tnejn. Il-konvenut jsostni li qallu quddiem martu li huwa kien:

*"ddispjaċut u mweġġa bl-attitudni u l-imġieba tiegħu u ta' A. Kien deher maħsud u mifxul peress li jiena kont dirett fil-konversazzjoni. A kienet qamet u qaltli li minn dakinar ma kienetx riedet taf bija aktar peress li ma stennietx li kont ser inkun daqshekk dirett. Ħadd minnhom ma nnega li kien hemm xi ħaġa bejniethom u hemmhekk bl-attitudni tagħhom it-tnejn fil-preżenza tiegħi ikkonfermajt dak li kont qed nissusspetta."*
Jgħid li dakinhar hu mar d-dar waħdu u hi ġiet ħafna iktar tard u min wassalha ma jafx u minn dakinhar ma baqgħetx tkellmu, tħallilu l-ikel lest minn ħafna qabel u jkun kesaħ u ma taħsillux ħwejġu u skontu xtara *washing machine* apparti *"biex ma tgħidx li qed noħloq xi intoppi jekk nuża tad-dar li konna xtrajna qabel.*"[124] Jgħid li qatgħet kull kuntat mal-familja tiegħu u bblukkjatu biex ma jkunx jista' jċemplilha- jgħid li ħareġ mill-kamra tas-sodda u reġa daħal minħabba l-kesħa u meta għamel hekk l-attriċi daħħlet fil-kamra tas-sodda tat-tifel il-kbir li kien qed jgħix għal rasu u skontu minn hemm beda l-attakk ta' *parental alientation*. "*Qatt ma stennejt li ser tasal biex tuża t-tfal u b'azzjonijiet iġġielhom jistmerru lill-missierhom. Illum ngħid li kemm D u E speċjalment reggħu ressqu ħafna lejja. - omissis- ... l-akbar weġgħa hija li Andre, iż-żgħir anqas biss wiċċu ma jdawwar u jħares lejja. ... ġieli uża kliem baxx biex jattakkani.."*[125]

Skont il-konvenut huwa pprova jsib kompromess fuq kif għandhom jaqsmu l-affarijit iżda '*il-problema hija d-dar matrimonjali'* għar-raġunjiet li semma qabel

[122] fol 1326
[123] fol 1326
[124] fol 1237
[125] fol 1328

u jgħid li hu m'għandux post fejn jabita u d-dar hija komodamen diviżibbli: "*Għal A li bnejt id-dar minn flus li ħdimt għalihom qabel iż-żwieġ ma jiswa xejn Il-valur tal-proprjeta telgħa u għalhekk dak l-investiment li għamilt jien u ġie minn dħul ta' snin twal ta' xogħol ma jiswa xejn. Dan kien l-investiment ewlieni li għamilt u investejt fih ħajti kollha. U A qed tgħid li dak li għamilt jien jiswa 10,000 liri Maltin jew Euro 23,000. Żgur dak li ili nipproponi jiena hija l-aħjar soluzjoni fiċ-ċirkostanzi għaliex fin-nuqqas dak kollu li ħdmit għalih ħajti kollha inkluż il-flus kollha li investejt f'din il-proprjeta jmorru kollu fix-xejn. Nħoss li din tkun inġustizzja miegħi. Minn naħa tagħha A qatt ma ressqet proposti li kienu jinkludu alternattiva fejn jina stajt nista ngħix u għalija kull ma trid illi jiena nitlaq il-barra.*[126]"

Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi jsemmi l-kwistjoni li kellhom fuq l-għalqa tan-Nannu' li l-attriċi akkwistat b'donazzjoni – skontu huwa kien ħareġ xi somma flus u kien sar ftehim li huwa jgħid esebixxa mal-affidavit tiegħu bħala Dok E. Il-konvenut jirreferi għall-kawża li fetaħ kawża fir-rigward ta' din l-għalqa fejn u jgħid li għalhkk sar id-donazzjoni tal-għalqa in kwistjoni lill-ulied il-partijiet.

Jagħlaq l-affidavit tiegħu billi jgħid li minn mindu fetħet din il-kawża, l-attriċi saret aktar distanti. Huwa jsosnti li ma jistax jifhem kif wara li għamlu ħajjithom flimkien, l-attriċi tista' titrattah b'dan il-mod '*lanqas biss tittrattani ta' bniedem ngħixu l-istess dar u lanqas bonġu ma tgħid.'*[127]

Provi oħrajn u dokumentarji tal-konvenut:

Nota tal-konvenut[128] li permezz tagħha esebixxa d-dokumenti (mmarkati Dok AG 1 sa AG 17) kif rikjesti mill-Perit Komputista William Spiteri Bailey[129].

Nota tal-konvenut[130]din in-nota bil-kuntratt ta' donazzjoni ppublikata quddiem in-Nutar Keith Zammit fit- 28 ta' Jannar, 2020, in konnessjoni mal-għalqa denominata 'Tan-Nannu' fejn l-attriċi dehret bħala '*the Donor'*, il-konvenut bħala '*the Assignor'* u t-tlett itfal tal-partijiet bħala '*the Donees'*

**Rapporti tal-periti tekniċi nominati mill-Qorti**

[126] fol 1329
[127] 1330
[128] fol 547
[129] Skont dawn id-dokumenti in-numru tal-partnership huwa P1369
[130] datata 19 a' Lulju, 2022 a fol 1332 b'Dok AG 2 fol 1333 sa 1335

i) Relazzjoni tal-Perit Tekniku Robert Musumeci[131]:

Ir-rapport ġie ppreżentat fit-22 ta' Ottubru, 2019. Skont ir-riżultanzi tal-perit il-proprjetajiet immobbli stmati minnu ġew vvalutati kif ġej:

1. Fir-rigward tal-ħanut f'Tal-Prim Buildings fi Triq il-Knisja, Ħaz-Żebbuġ li fid-data tal-aċċess kien mikri lil ċertu perit għall-prezz ta' €3000 fis-sena - valur ta'sitta u ħamsin elf Ewro (€65,000);

2. Fir-rigward tal-garaxx fi Triq X Lija – garaxx li jikkomoda żewġ vetturi tad-daqs medju wara xulxin, ħasmin elf Ewro (€50,000);

3. Fir-rigward tal-kamra fil-basement fi Triq il-Knisja Ħaż-Żebbuġ għaxart elef Ewro (€10,000);

4. Fir-rigward tal-arja tal-appartament *X* Triq X Bugibba-mija u erbgħin elf Ewro (**€140,000)** jekk kemm-il darba m'hemm ebda servitu li jillimita l-iżvilupp ta' l-arja għal żewġ sulari. **Jew** sebgħin elf Ewro (**€70,000)** jekk kemm-il darba jirriżulta li hemm servitu li jillimita l-iżvilupp ta' l-arja għal sular.

5. Fir-rigward ta' X, X Street, Lija – il-Qorti tirrilva li dwar dan il-fond, ġew intavolati rikorsi fir-rigward tal-inkarigu tal-perit fejn l-attriċi sostniet li ladarba din hija l-proprjeta parafernali tagħha, u sehem il-konvenut huwa llimitat mal-benefikati li huwa għamel fis-snin 1986/1987 ma kienx jeħtieġ valutazzjoni fuq il-proprjeta u fir-rikors tagħha kienet talbet biss stima fuq il-benefikati li saru qabel iż-żwieġ. Minn naħa l-oħra l-konvenut oppona u skontu dak li qal fir-risposta tiegħu tal-1 ta' Frar 2019 huwa sostna li l-intendiment tad-donatur tal-art kien li dan ikun tal-komunjoni tal-akkwisti. In oltre fir-risposta tiegħu datata 28 ta' Marzu 2019, sostna li l-proprjeta sħiħa kellha tiġi stmata mill-perit u dan peress li skontu '*sabiex il-valutazzjoni tkun ġusta u tirrifletti dak li wettaq l-esponenti, il-valutazzjoni tad-dar fis-snin 1985 sa 1988, u ċioe fil-perjodu meta kienet qiegħda tinbena d-dar matrimonjali u l-akkrexximent u l-benefikati kollha li saru sal-ġurnata preżenti. Illi dunque din il-valutazzjoni tirrifletti il-valur attwali li jagħti indikazzjoni ċara tal-valur komplss tad-dar matrimonjali li hu ekwu li jiġi stabbilit ai finijiet ttal-proċeduri odjerni*.

   F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet tagħha tat- 23 t'April, 2019 fejn ordnat li jsir l-valutazzjoni tal-proprjeta, li fir-rapport tal-perit

[131] fol 610 sa 637

tekniku huwa vvaluta li din il-proprjeta tiswa sebgħa u ħamsin elf Ewro (**€750,000**)

6. Fir-rigward tal-fond X, Triq i-Knisja, Ħaż-Żebbuġ - kumpless ta' uffiċini li huma mikrijin -

   office no 1 – ground floor –€1,500 fis-sena;
   office no 2 – ground floor- €1,200 fis-sena;
   office no 3- ground floor –€3,200 fis-sena;
   office no 4- ground floor –€2,600 fis-sena;
   office no 5 – ground floor- €4,800 fis-sena;
   office no 6- ground floor- €5,200 fis-sena;
   office no 7- ground floor ma ngħatax informazzjoni lill-perit jekk hux mikri jew le;
   office no 8 – ground floor - €3,000 fis-sena;
   office no 9 – ground floor - €1,500 fis-sena;
   conservation and restoration studio, fuq żewġ sulari - €3000 fis-sena;

   b'hekk skont il-perit il-valur komplessiv ta' dan il-fond huwa ta' sitt mitt elf Ewro **(€600,000)** B'dana li kif jirriżulta mir-rapport tal-perit komputista is-sehem tal-komunjoni tal-akkwsiti huwa fl-ammont ta: €101,123.

ii)Domandi in eskussjoni li saru mill-attriċi lill-Perit Tekniku.

Il-Qorti tirreferi għad-domandi in eskussjoni li saru bil-miktub mill-attriċi lill-perit tekniku in segwitu tar-relazzjoni tiegħu[132]. L-attriċi għamlet referenza għad-dar matrimonjali u ċioe` t-terraced house bin-numru uffiċjali X, X Street, Lija li skont ir-rapport tal-perit għandha valur ta' €750,000 .

Il-Qorti tħoss li hu neċessarju li l-partijiet rilevanti mid-domandi u r-risposti in kwistjoni għandhom jiġu riprodotti f'din is-sentenza:

a) *Inti qiegħed f'posizzjoni li tagħti l-istima tax-xogħolijiet li sar inkonnessjoni mal-iżvilupp ta' din il-proprjeta bil-prezzijiet li kienu applikabbli fis-sena 1986 meta sar l-istess żvilupp fuq art parafernali tal-attriċi A B?*

*Tweġiba:*

1. *Illi kieku wieħed kellu jistrieħ fuq ballpark figure sabiex jasal għall-valur tal-kostruzzjoni u l-finishes tal-fond in disamina, ir-rata globali ta' €300/m.k*

[132] vid fol 664

*qabel il-VAT hi meqjusa raġjonevoli <u>fil-preżent</u>. Mil-banda l-oħra, kieku wieħed kellu jistrieh fuq ballpark figure sabiex jasal għall-valur tal-finishes esterni ir-rata ta' €40/m.k. qabel il-VAT hi waħda raġjonvoli <u>fil-preżent</u>.*

*-omissis-*

Illi abbażi tal-kalkoli tiegħu, il-perit jikkonkludi:

*Isegwi li l-istima tax-xogħolijiet li saru in konnessjoni mal-iżvilupp ta' din il-proprjeta` bil-prezzijiet li kienu applikabbli fis-sena 1986 tista' tinqasam bil-mod kif ġej:*

*Stima għall-ambjenti interni (bini/finishes) fis-sena 1986 – 325 m.k. x 150/m.k. = €48,750.*

*Stima għall-ambjenti esterni (bini/finishes) fis-sena 1986 – 205 m.k. x €20/m.k. - €4,100*
*B'hekk l-istima <u>globali</u> tax-xogħolijiet li saru in konnessjoni mal-iżvilupp ta' din il-proprjeta bil-prezzijiet li kienu applikabbli fis-sena 1986 tekwivali għal **€52, 850**[133]*

<u>iii)Rapport tal-Perit Komputista Mr William Spiteri Bailey[134]</u>
F'Ġunju il-perit komputista William Spiteri Bailey ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fejn ikkonkluda li Tal-Prim & Co għandha valur totali ta' €606, 618, fejn il-valur ta' sehem il-partijiet (fejn is-sehem tagħhom hu ta' 16.67 % tal-business) jammonta għall-valur ta' mitt elf u wieħed, mija tnejn u għoxrin Ewro **(€101,123)**

**<u>Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita` għat-Tkissir taz-Zwieġ</u>:**

Illi l-Qorti hija konvinta illi ż-żwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli u konsegwentement hemm hemm lok għas-separazzjoni.

*<u>Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex għal każ odjern u senjatament l- artikolu 40 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif mitlub mill-attriċi.

*a. <u>Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili:</u>*

133 fol 669
134 fol 676 - 731

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[135] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[136] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[137] ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offiżi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[138] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

---

[135]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[136]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[137]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[138]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[139] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[140]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[141]

Illi l-Qorti tibda billi tgħid li dan iż-żwieġ tkisser tant li dan il-fatt huwa kkonfernat mill-partijiet u x-xhieda mressqa minnhom. In oltre jikkonferma l-konvenut stess, li l-partijiet ilhom jgħixu s-snin taħt l-istess saqaf iżda ma jitkellmux.

Mill-analiżi tal-provi, il-Qorti tinnota li r-raġuni għat-tifrik taż-żwieġ kienet minħabba l-karattru kontrollanti u dominanti tal-konvenut u dan skont it-teżi tal-attriċi.

Illi l-attriċi testendi it-teżi tagħha billi tipprovdi diversi eżempji tal-esperjenzi mill-lenti tagħha ta' dan l-aġir li skontha bdiet tinnota miż-żmien meta kienu qegħdin ilestu d-dar matrimonjali futura tagħhom, liema attitudni baqħget għaddejja sa wara ż-żwieġ .

Għall-finijiet ta' dan hi ssemmi, affarijiet relatati mad-dar per eżempju l-fonte spizio, u l-kċina li ħallset għaliha ommha; l-isem tal-ewwel wild; kif kien juża d-dar matrimonjali bħala garanzija tan-negozju li kellhom mal-familja tiegħu mingħajr ma jinfurmaha u jżommha aġġornata u dan stante illi kellu l-prokura tagħha ; kif kien jirreaġixxi quddiem in-nies meta kien irrabbjat; kif kien jgħidilha biex tibqa' kwieta waqt diskors quddiem in-nies; it-tbabis finanzjarju minn negozju ta' ma' ħut il-A u l-inkwiet magħhom.

L-eżempji li tagħti huma varji, u l-Qorti tħoss li l-verżjoni tal-attriċi hija verosmili tant li x-xhieda tagħha ġie kkorroborata permezz tax-xhieda mressqa minnha, u in kontro-eżami.

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għax-xhieda li ressqet l-attriċi fosthom il-ħabiba tagħha N O u l-kollega L M. Dawn ix-xhieda jikkonfermaw l-aġir żorr, maledukat u saħansitra aggressiv tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attriċi, tant li l-istess attriċi kienet tispiċċa imbarazzata quddiem in-nies.

---

[139]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[140]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[141]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

Jirriżulta mhux ikkontestat li dan l-aġir ma kienx *a one-off* iżda n-norma. Il-familja O telgħu Għawdex mal-partijiet madwar tnax-il darba, u apparti l-verżjoni tas-sinjura O, l-Qorti għandha wkoll konferma ta' dan it-tip ta' aġir minn P O li f'dawn il-proċeduri kien ix-xhud tal-konvenut. Mix-xhieda tas-Sur O joħroġ il-karattru diffiċli u litġjuż tal-konvenut. Il-Qortii tagħmel refrenza għal dik il-parti tax-xhieda tiegħu fejn ix-xhud semma l-inċident tal-Belt u wissieh biex ma jaqlax inkwiet.

B'referenza għax-xhieda ta' N O u ta' żewġha P O fir-rigward ta' dak li kien jiġri meta kienu jitilgħu Għawdex mal-partijiet, jirriżulta li anki f'kuntest ta' btala kien ikun hemm ċertu tensjoni kkawżat mill-aġir u attitudnijiet tal-konvenut. Ix-xhieda semmew kif kien jitla' qabel kulħadd biex jagħżel hu ta' l-ewwel il-kmamar li ried, li kien jsajjar l-ewwel u għalih biss, li kien irid ikun jaf x'xirja se tagħmel martu u agħar minn hekk dan kien isikket lill-martu u adirittura anki oħt N O, biex jgħid tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti hemm provi biżżejjed li juru li dan l-aġir kien abitwali u anki pubbliku. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ***Maria Micallef vs Giuseppe Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 1942, f'liema sentenza l-Qorti qalet hekk: "*Din il-Qorti bis-sentenza tagħha tat-22 ta' Novembru 1880, fil-kawża Muscat utrinque (Kollez Vol IX pag 274) adottat il-motivi ta' l-Ewwel Qorti, fosthom dak li 'trattandosi di sevizie, minacce ed ingurie gravi, e' necessario generalmente che esse siano abituali, od almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza ...*
*... fil-kawża Attard utrinque .... per sevizie s'intendono gli atti abituali di crudelta che offendono la persona e l'animo di coluicui sono diretti al punto di generare in lui esacerbazione, dolore ed aversion profonda verso chi commette tali atti*"

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għall-affidavit tal-attriċi meta tgħid li kienet wasslet fi stadju meta ħassitha li ħa tiġġennen bl-aġir litiġjuż u diffiċli tal-konvenut.

Il-Qorti tara li dak li tgħid l-attriċi fuq l-aġir tal-konvenut, l-*outbursts* aggressivi li kien ikollu saħansitra quddiem in-nies u f'postijiet pubbliċi, u l-fatt li kien isikkitha, u jumiljaha quddiem in-nies ġew ampjament ppruvati.

Il-Qorti temmen l-attriċi meta tgħid li l-konvenut kien kontrollanti u dominanti anki fl-aspett finanzjarju tagħhom u ma jżommhiex aġġornata fuq in-negozju. Minn naħa tiegħu huwa jsostni li n-nuqqas kien tal-attriċi li ma kenitx turi interess u ssaqsi u li jekk riedet setgħet rat il-karti li kollha kienu d-dar. Dan ir-raġunament ma jikkonvinċi xejn lill-Qorti, u dan iktar u iktar fil-kuntest tal-aġir tiegħu fin-negozju ta' ħutha u fil-kuntest tas-sitwazzjoni fit-totalita tagħha.

Illi l-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġara bejn il-konvenut u ħut l-attriċi fin-negozju li kellhom flimkien. Filwaqt li l-Qorti tinnota li din il-kwistjoni ġiet tranżatta bejn il-partijiet u ħutha, l-Qorti hija konvinta li din il-kwistjoni kellha impatt drastiku fuq il-ħajja matrimonjali tal-partijiet, li diġa` kienet batuta minħabba l-aġir żorr u kontrollanti tal-konvenut.

Tinnota ulterjorament li l-verżjoni tal-attriċi ġiet ikkoroborata minn ħutha, u ċioe` li fil-bidu l-konvenut ma qalx il-verita lill-martu u dan tant li hi ħaditha kontra ħutha liema aġir ikkawża l-attriċi tħossha traduta mill-konvenut. Il-Qorti tirreferi għal dak li qalet l-attriċi fl-affidavit tagħha, li hemmhekk indunat li ż-żwieġ tagħha kien spiċċa u li riedet titlaq u li ma telqitx wara parir li ħadet minn qassis, fejn ġabet lill-uliedha żgħar quddiem għajnejha. Il-Qorti tinnota wkoll li meta seħħ dan kollu, kienet it-tieni darba fiż-żwieġ li l-attriċi riedet tissepara.

Minkejja li illum il-konvenut jiddispjaċih ħafna ta' dak li għamel u minkejja li l-kwistjoni ġiet sorvolata bi ftehim, dan ma jnaqqasx l-impatt neBiv li din il-kwistjoni kellha fuq iż-żwieġ tal-partijiet. Illi fl-affidavit tiegħu l-konvenut jgħid li din il-kwistjoni ġiet sorvolata u magħluqa bi ftehim u skontu hu u martu komplew b'ħajjithom normali. Fil-kontro-eżamijiet tiegħu fuq din it-tema, ikompli jagħmel ħafna aċċenn li din il-kwistjoni ġiet transatta. Huwa stat ta' fatt li l-kwistjoni ġiet transatta, madankollu dan ma jikkonvinċix lill-Qorti li l-ħajja tal-partijiet baqgħet għaddejja normali kif qed jippretendi l-konvenut u l-Qorti hawnhekk tagħmel rfereneza għall-kontro-eżami tal-attriċi fejn xehdet: *"din l-istorja magħluqa, imma jien għadni bit-trauma u minn xiex għaddejt, ma kinitx magħluqa għalija, u qadt kwieta għax kelli t-tfal żgħar għax dan seta jeħel il-ħabs, imma jien kelli l-kbir jagħmel l-A levels, it-tieni wieħed jagħmel l-'O' levels u ma ridx naqla kwistjonijiet, ma nafx x'kien se jiġri minħabba t-tfal għax kieku għas-separazzjoni dak iż-żmien kont napplika."*[142]
Il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-konvenut fejn fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid: "*Illi l-intenzjoni qarrieqa tal-attriċi tidher ukoll mill-fatt li b'mod konsistenti fit-teżi tagħha baqgħet tagħmel referenza għall-allegazzjonijiet ta' frodi da parti tal-konvenut, liema allegazzjonijiet seħħew numru ta' snin qabel ma bdew il-proċeduri ta' separazzjoni u li għalihom kien sar ftehim bonarju bejn il-konvenut, martu (l-attriċi) u l-aħwa tal-attriċi u għaldaqstant l-kwistjoni ġiet solvuta u l-istorja ntemmet hemm"*[143]

Huwa fil-fehma tal-Qorti li dak li ntemm permezz tal-ftehim bonarju li sar bejn ħut l-attriċi u l-partijiet, huwa biss kull jedd u rimedju legali li ħut l-attriċi kellhom fil-konfront tal-konvenut u ma kkanċellax il-ħsara psikoloġika u emozzjonali kkawżat bl-aġir tal-konvenut.

[142] fol 1331
[143] fol 1549

Huwa fatt mhux kontestat li l-partijiet spiċċaw anki marru għall-għajnuna professjonali għand żewġ psikologi. Sfortunatament ħadd mill-partijiet ma ressqu lill-dawn il-professjonist bħala xhieda u għalhekk il-Qorti hija sprovvista minn ċertu dettall, iżda jibqa' l-fatt li dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-ħajja matrimonjali tal-partijiet ma kenitx b'saħħitha kif jissuġġerixxi l-konvenut.

Għaldaqstant jirriżultaw provi ċari, konkreti u inekwivoċi għal din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-konvenut ikkometta sevizzi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u huwa għaldaqstant responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi minn naħa tiegħu u permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut jattribwixxi l-ħtija għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ fuq l-attriċi. Filfatt fil-ħames eċċezzjoni tiegħu jgħid:

*Illi hija l-istess rikorrenti li rrendiet il-ħajja matrimonjali impossibbli u dana bl-imġieba tagħha u fil-komportament taghha fil-konfront tal-intimat u b'nuqqas ta' rispett u bil-komportament tagħha ma' terzi.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu huwa jgħid li matul iż-żwieġ sofra abbuż verbali u kif ukoll psikoloġiku minħabba l-imġieba tal-attriċi fil-konfront tiegħu li eskala bil-parental alientation; jgħid li ma kenitx tgħin finanzjarjament; jgħid li ma kenitx ta' wens u sapport għalih; jsostni li l-imġieba tal-attriċi "*laħqet il-qofol tagħha fir-relazzjoni li hija kellha mal-Kappillan ta' Ħal Lija. In fatti permezz tal-evidenza prodotta f'dijn il-kawża, joħroġ manifestament ċar illi waħda mill-aktar fatturi li kkontribwiet għat-tkissir irrevokamilment taż-żwieġ tal-partijiet kienet fil-fatt ir-relazzjoni ta' bejn Fr David Gauci u l-attriċi, hekk kif tali relazzjoni kienet ikkatterizzata minn kunfidenzi zejda"* Fost il-kunfidenzi zejda jsemmi li kient tnaddaflu u ssajjarlu, li ma kenitx tfalli quddiesa, li l-Kappillan kien kitbilha ittri li huwa esebixxa; li skontu kienet 'tinħall qisa silġa' u li n-nies bdew jikkummntaw fuq il-kunfidenzi żejda eżistenti bejn l-attriċi u Fr David u li skontu Fr David ġie *transferred* minn Ħal Lija għan-Naxxa minħabba din il-ħbiberija li martu kellu miegħu.

Filwaqt li l-Qorti tinnota li l-konvenut qed jagħmel allegazjonijiet serjissimi fil-konfront ta' martu, ebda alegazzjoni ma ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Fir-rigward tal-verżjoni tal-konvenut fuq din il-'ħbiberija' il-Qorti għandha kelmtu biss u dan għaliex mix-xhieda ta' Fr David Gauci ma joħroġ xejn iktar ħlief li l-attriċi kienet b'mod volontarju tnaddaflu u ssajjarlu kif kienu jagħmlu nisa oħrajn, hekk kif l-irġiel ukoll (inkluż il-konvenut) kien jgħin fil-ġnien. Fir-rigward tal-allegati *ittri* li l-konvenut jirreferi għalihom u li esebixxa, il-Qorti tinnota li l-ewwel lok dawn mhumiex 'ittri' u fit-tieni lok ma jirriżulta xejn

illeċitu jew li wieħed jasal biex jgħid kien hemm kunfidenzi ż-żejjed bejn l-attriċi u Fr David. Id-dokumenti esbiti mill-konvenut huma wisq ġeneriċi u *semmai* spiritwali u xejn iktar. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li m'hemm assolutament xejn ħażin jekk l-attriċi ma kenitx tfalli quddiesa ta' Fr David. Illi skont dak li jgħid il-konvenut fl-affidavit tiegħu, huwa jsostni li mar jitkellem mal-Arċisqof diversi drabi fuq din l-allegata ħbiberija li jgħid li martu l-attriċi kellha ma' Fr David. Huwa jżid jgħid li l-Arċisqof stess kien qallu biex jieħu ħsieb itella' min irid sabiex jixhed fuq din il-ħbiberija. Ladarba l-konvenut għażel li ma jtella lill-ħadd (għajr għall Fr David stess), lanqas min ħa ħsieb it-*transfer* tiegħu minn Ħal Lija għan-Naxxar, dawn jibqgħu kollha allegazzjonijiet nfondati tal-konvenut li kellu kull opportunita li jressaq l-aqwa prova u għalhekk l-Qorti mhux ser toqgħod tispekula fuq ir-raġuni għalfejn Fr David iċċaqlaq minn Ħal Lija għan-Naxxar, hekk kif wara kollox jiġri mal-Kappillani kollha madwar Malta.

Il-Qorti tqis dan it-tip ta' allegazzjoni bħala waħda nfondata, inġurjuża u malizzjuza fil-konfront ta' martu.

Illi finalment u fir-rigward tal-allegat imġieba ħażina ta' martu għal darba oħra l-Qorti tara li għandha kelmtu biss, peress li ħadd mix-xhieda li ressaq ma xehdu fuq xi imġieba ħażina ta' martu. In oltre` u fir-rigward tal-eżempji li huwa jagħti ta' nuqqas ta' wens u sostenn minn martu, il-Qorti tinnota li l-eżempji in kwistjoni huma relatati ma' sena 2015 'il quddiem, meta ż-żwieġ kien diġa wasal fil-finalita tiegħu. Mill-banda l-oħra hemm provi ċari li juru li meta kien fl-inkwiet serju ma' ħutha l-ewwel emnet lilu u wara li kellu jammetti dak li għamel xorta kienet ta' sapport għalih, u meta l-qassis qallha biex issalva ż-żwieġ ġabet ir-responsabbiltajiet tal-familja tagħha quddiem għajnejha u ppruvat ssalva ż-żwieġ.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tiegħu dwar *parental alienation*, il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-konvenut ma' ġabx l-iċken prova in sostenn ta' dak li jallega li l-attriċi kienet il kawża tad-distakk bejnu u t-tfal, jibqa' l-fatt li dawn l-ulied kienu kibru sew, uħud minnhom lanqas jgħixu d-dar u għalhekk maturi biżżejjed biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom u jaħsbu għalihom nfushom fuq x'tip ta' relazzjoni riedu ma' missierhom.

Illi abbażi ta' dan kollu l-Qorti tikkonkludi li l-komportament u aġir ħażin tal-konvenut jammonta għal sevizzi u inġurji gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li huwa proprju l-konvenut li huwa unikament responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Għaldaqstant il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi fl-intier tagħha.

**Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

Illi permezz tar-raba` talba tagħha l-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-parti responsabbli *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba sevizzji u inġurji gravi. Għaldaqstant din il-Qorti tuża id-diskrezzjoni tagħha mogħtija mill-provvedimenti tal-liġi u qiegħda tapplika fil-konfront tiegħu l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u tilef wkoll kull dritt ta' suċċessjoni mingħand martu.

**<u>Manteniment:</u>**

a) <u>Permezz tat-tieni talba tagħha l-attriċi qed titlob lill-Qorti sabiex tillikwida retta alimentarja adegwata għall-binhom G B:</u>

Il-Qorti tirreferi għad-digriet tal-11 ta' Jannar 2018 permezz ta' liema l-konvenut ġie ordnat sabiex iħallas lill-attriċi manteniment għat-tifel G B fis-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) fix-xahar oltre` nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tiegħu;

Il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

*3B.(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq,ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena – omissis"*

Illi skont dak li jirriżulta mill-atti, it-tifel G B twieled fit-22 ta' Jannar, 1999 u għalhekk illum għandu erbgħa u għoxrin (24) sena, u in vista ta' dak li tgħid il-Liġi l-obbligu fuq il-ġenituri sabiex imantnu lill-uliedhom jieqaf malli dawn jagħlqu l-eta` ta tlieta u għoxrin (23) sena.

Konsegwentement din it-talba illum tirrigwarda mertu eżawrit u l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-attriċi.

b) <u>Permezz tat-tielet talba tagħha l-attriċi qed titlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas manteniment għaliha. Inoltre tissuġerixxi li ma jkunx possibbli li huwa jħallas retta perjodika sabiex il-Qorti tordna li sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti jiġi asssenjat lilha bħala ħlas ta' dak li hu rappreżentanti tal-mantenimentt bl-applikazzjoni tad-disposizzjonjijiet tal-artikolu 54(5), (6), (7) u (8) tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.</u>

Il-Qorti tirrileva li fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri ma sar rikors da parti tal-attriċi b'talba għall-manteniment *pendente lite* għaliha. In oltre` l-attriċi stess tikkonferma li hi taħdem tant li l-konvenut tella' lill-employer tagħha bħala xhud.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fin-nota ta' sottomissjoniet tagħha l-attriċi ma tagħmel l-ebda referenza għal din it-talba tagħha. L-attriċi ddikjarat li taħdem u hi kapaċi taħdem hekk kif ilha tagħmel għal dawn l-aħħar tlettax-(13) il sena.

Di piu` l-Qorti tirrileva li mhux biss għandha assi parafernali sostanzjali li jrenduha għal kollox indipendenti iżda anki permezz tad-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti hija ser ikollha ferm iktar indipendenza finanzjarja.

Għalhekk il-Qorti m'hijiex ser tillikwida ammont ta' manteniment pagabbli mill-konvenut għall-attriċi li għandha biżżejjed mezzi għad-disposizzjoni tagħha.
Dan jibqa' pero mingħajr preġudizzju għad-dritt futur tal-attriċi sabiex tagħmel talba simili jekk iċ-ċirkostanzi tagħha jinbiddlu u dan peress li ai termini tal-artikolu 54(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenut li skont din il-Qorti huwa unikament responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ, m'huwiex meħlus mill-obbligu tiegħu sabiex iħallas manteniment għall-attriċi.

**<u>Il-Komunjoni tal-Akkwisti u Dar Matrimonjali:</u>**

<u>i)Terminazzjoni tal-Komunjoni</u>

Illi l-partijiet iżżewġu fil-15 ta' Ottubru 1988 u għalhekk din hija d-data fejn ġiet fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet in vigore sallum stante li ħadd mill-partijiet ma talab qabel illum il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Din it-talba hija konsegwenzjali għat-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet u li konsegwentement huwa neċessarju li abbażi tas-separazzjoni personali tagħhom, il-komunjoni tal-akkwisti viġenti tiġi xolta u likwidata. Għalhekk Il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett millum u b'dan li millum 'il quddiem iż-żwieġ tal-partijiet ikun regolat bir-reġim tas-separazzjoni tal-beni. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' dik il-parti tal-ħames talba tal-attriċi li permezz tagħha titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

ii)<u>Assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti:</u>

Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili l-Qorti tibda billi tagħmel referenza għaż-żewġ rapport tekniċi li ġew maħlufin u esebiti in atti.

A. Ir-rapport tal-perit komputista William Spiteri Bailey li ġie nominat sabiex jivvaluta sehem il-partijiet fis-soċjeta *en nom collectif* Tal-Prim & Co ġja Tal-Prim Limited; u
B. Ir -rapport tal-perit tekniku Robert Musumeci maħtur minn din il-Qorti sabiex jivvaluta l-proprjetajiet imobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

B'referenza għall-ewwel rapport elenkat ippreżentat minn William Spiteri Bailey fit- 2 ta' Lulju, 2020 huwa vvaluta n-negozju ta' din is-soċjeta fl-ammont ta' €606,618, iżda kif jirriżulta mir-rapport tiegħu sehem il-partijiet minn din is-soċjeta hija ta' 16.67% u konsegwentement abbażi tal-valutazzjoni tiegħu l-perit komputista vvaluta s-sehem tal-partijiet għall-mitt elf u wiehed, mija tlieta u għoxrin Ewro (€101,123). Il-Qorti tinnota li l-partijiet ma talbux eskussjoni tal-perit komputista u dan tant li t-tnejn li huma jagħmlu referenza għall-valutazzjoni tiegħu fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom. Abbażi ta' dan, il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex takkolji l-valutazzjoni tas-sehem tal-partijiet hekk kif ssuġerit mill-perit komputista maħtur għal dan il-għan u tillikwida l-istess abbażi ta' dak propost minnu.

Illi b'referenza għar-rapport tal-perit tekniku Dr Robert Musumeci, il-Qorti tinnota li l-inkarigu tal-perit kien ġie estiż sabiex jinkludi wkoll valutazzjoni fuq:-

- id-dar matrimonjali - u dan fuq talba speċifika tal-konvenut, u liema talba ġiet opposta mill-attriċi stante li żammet ferm mal-posizzjoni tagħha li din il-proprjeta hija parafernali tagħha u skontha dak dovut lill-konvenut huwa limitat għall-flejjes li nefaq fuq il-kostruzzjoni tal-post fis-snin 1986-1987. B'digriet il-Qorti ordnat li jsir il-valutazzjoni fuq il-proprjeta sħiħa;
- fuq il-proprjeta` immobbli li tappartjeni lill-partnership *en nom collectif* Tal-Prim & Co ġja Tal-Prim Limited, u dan peress li l-partijiet għandhom sehem f'din is-soċjeta ta' 16.67 % u liema soċjeta kellha proprjeta` immobbli f'Ħaż-Żebbuġ;

B'hekk il-perit tekniku b'kollox ivvaluta sitt propjetajiet immobbli li ġew elenkati supra fis-sezzjoni -*Rapporti* ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tinnota li għajr għall-eskussjoni li saret lill-perit fuq id-dar matrimonjali, ħadd mill-partijiet ma kkontesta b'xi mod il-valutazzjonijiet li ħareġ bihom il-perit tekniku, u dan tant li ħadd ma eskuta lill-perit fuq il-valutazzjonijiet li wasal għalihom *per se*. Oltre` minn hekk, fin-noti ta' sottomossjonijiet rispettivi tal-partijiet, it-tnejn li huma għamlu proposti abbażi tal-valutazzjonijiet indikati fir-rapport tal-perit tekniku. Għaldaqstant din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex takkolji l-istess valutazzjonijiet li wasal għalihom il-perit tekniku u tillikwida l-istess assi abbażi ta' dawn il-valutazzjonijiet.

Għalhekk qabel ma tgħaddi għall-likwidazzjoni tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, il-Qorti fadlilha li titratta l-iktar kwistjoni taħraq f'din il-vertenza, u ċioe` d-dar matrimonjali.

Mill-provi prodotti miż-żewġ partijiet jirriżulta li l-attriċi qiegħda ssostni li din hija l-propjeta parafernali tagħha u l-konvenut huwa intitolat biss li jieħu lura l-flus li nefaq meta huwa bena l-fond qabel iż-żwieġ. Fl-Affidavit tagħha hija tindika ċifra ta' ċirca għaxart elef Maltin (Lm10,000).

Minn naħa tiegħu u kif jirriżulta mill-verżjoni mogħtija mill-konvenut huwa jopponi bil-qawwa kollha li sehmu huwa limitat għall-kreditu li qed tgħid li għandu l-attriċi, u skontu, huwa mhux biss ma jaqbilx mas-somma indikata mill-attriċi ta' qabel iż-żwieġ iżda jgħid li nefaq somma ferm ogħla minn hekk tant li nefaq dak kollu li kellu fejn huwa jsemmi ċifra ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm 25,000) oltre flus li ssellef mingħand il-familja tiegħu.
Fl-affidavit tiegħu jgħid ukoll li missier l-attriċi kien daħaq bih għaliex huwa kien wiegħdu li jekk huwa jibni d-dar a spejjeż tiegħu, meta jiġi biex jagħmel id-donazzjoni tal-art in kwistjoni kien ser jinkludih fl-att.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-paragrafu numru sebgħa tal-affidavit tal-konvenut fejn huwa jgħid hekk:

*"Ftit wara bdejna l-proċess biex nibnu dar. Missiera kien ser jagħtiha biċċa art tmiss minn wara mal-ġnien tal-ġenituri u mal-ġnub ta' plot oħra destinata għall-oħta Maria u appoġġ ma' dar ta' ħuha I. Hawn jien kont tkellimt ma' missierha u kien wegħdni li jekk nibni id-dar jien u hi joffri l-art, qabel ma niżżewġu jagħmel il-kuntratt għall-fuqna t-tnejn."*[144]

Ikompli billi jgħid li imbaghad missier l-attriċi biddel fehemtu u qallu li kien ser jiktibha fuq bintu biss u għalhekk kien veru mweġġa u jsostni li huwa xorta waħda mar għall-kuntratt, tant li jgħid:

"*Kont vera imweġġa dakinhar imma xorta mort magħhom għand in-nutar Micallef ħal Balzan. Sa dakinhar kont infaqt il fuq minn Lm 25,000 li kienu flus għal dak iż-żmien. Jien kont bil-għaqal u kont naħdem uffiċjal tad-dwana sa nofs 1985 u wara dħalt bin-negozju tal-merċa li kien ta' Missieri. Kont issellift Lm6000 mingħand iz-zija oħt missieri Georgia, u Alla jagħtiha il-ġenna wara ħafrithomli bħala rigal. Ma kellix dejn fuq id-dar.* ***Qed nehmeż żewġ listi mmarkati, waħda Doc ' A1, A2, A3' li turi x-xogħol li għamilt qabel ma żżewwiġna, u lista oħra immarkata Dok 'B1 u B2' li turi x-xogħol li sar ġod-dar wara ż-żwieġ. A vera ma tafx x'qed tgħid li kont infaqt Lm10,000. Biss biss, il-bini biss kien ġie jiswa Lm7,000 Maltin. Mehmuż Doc 'D1 u D2'****. kont ħassejtni tradut imma A msa kellhiex tort."*[145] (Emfasi u sottlinear tal-Qorti).

Il-Qorti tinnota li nonostante dak li jsosnti l-konvenut u ċioe li nefaq ammonti sostanzjali ta' flus u investa ħafna f'din il-propejeta **anki matul iż-żwieġ** bil-ħidma unika tiegħu (peress li martu ma kenitx taħdem) u li skontu huwa proprju minħabba f'hekk li llum id-dar matrimonjali ġiet tiswa seba` mija u ħamsin elf Ewro (€750,000) hekk kif stmat mill- perit tekniku, madankollu l-ebda dokument ma ġie mehmuż mal-affidavit tiegħu in sostenn ta' dan kuntrarjament għal dak li jiddikjara

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, fejn fir-rigward tad-dar matrimonjali jissottometti s-segwenti:

*Illi fir-rigward tad-Dar Matrimonjali li tinsab X, Triq X, Ħal Lija għalkemm din ma tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti stante li l-art li nbniet fuqha din d-dar hija l-proprjeta` parafernali tal-attriċi, mill-provi jirriżulta li l-konvenut għamel u ħallas minn butu stess l-ispejjeż tal-bini tal-istess proprjeta.*

[144] Fol 1316

[145] fol 1317

*Illi dan il-fatt m'huwiex nnegat mill-attriċi u fil-fatt ikkonfermatu hija stess fit-testimonjanza tagħha f'dawn il-proċeduri.*

*Illi skont ir-rapport tal-Perit Tekniku Dr Robert Musumeci l-istima globali tax-xogħolijiet li saru rigward l-iżvilupp ta' din il-proprjeta bil-prezzijiet li kienu applikabbli fis-sena 1986 huwa l-ammont ta' tnejn u ħamsin elf u tmienja u ħamsin Ewro (€52,850), u għaldaqstant ladarba dawn ix-xogħolijiet sar qabel mal-kontendenti iżżewġu, l-esponenti għandu kreditu ta' €52,850 fil-konfront tal-attriċi.*

*Illi barraminnhekk, permezz ta' evidenza ppreżentata fil-kawża odjerna jirriżulta ukoll li tul iż-żwieġ tal-partijiet saru bosta xogħolijiet fid-dar matrimonjali li dejjem kien iħallas għalihom il-konvenut mill-paga tiegħu. Illi, kif tiġa ġie spjegat u muri fil-premess, il-konvenut għamel ħajtu jaħdem għall-familja u nefaq flusu sabiex titlesta d-dar matrimonjali skond il-bżonnijiet tal-familja tal-kontendenti, u kif deejjm ħa ħsieb il-manutenzjoni tal-istess dar matrimonajli. Illi skond il-Perit Tenkiku, din id-dar ġiet stmata seba' mija u ħamsin (elf sic) Ewro (€750,000), u għaldaqstant tali valur huwa riżultat tal-ispejjeż li ħallas għalihom il-konvenut tul ir-relazzjoni tal-partijiet kemm f'qabel iż-żwieġ u kif ukoll f'waqtu.*

*Illi in vista ta' dan, ikun għalhekk inġust li l-esponenti jingħata biss is-somma ta' €52,850 f'dan ir-rigward, mingħajr ma din l-Onorabbli Qorti ma tieħu in kosniderazzjoni post ta' abitazzjoni għall-istess esponenti, speċjalment meta wieħed iqis li l-konvenut m'għandux residenza alternattiva u li s-somma ta' 52,850 m'hijiex ammont biżżejjed sabiex wieħed jixtri proprjeta diċenti fejn jabita ...''*[146]

Illi għalhekk il-Qorti tibda billi telenka l-fatti li joħorġu mill-provi prodotti:

- Illi huwa fatt mhux kontestat li d-dar matrimonjali nbniet bil-flus tal-konvenut qabel iż-żwieġ bejn is-snin 1886/1987;
- Illi huwa fatt mhux kontestat li d-dar matrimonjali hija mibnija fuq art li l-attriċi akkwistat mingħand missierha fis-17 ta' Jannar 1998 hekk kif iddokumentat permezz ta' kuntratt ta' emfitewsi perpetwa in atti tan-Nutar Francis Micalllef (Dok E fol 60);
- Illi huwa fatt mhux kontestat li d-dar matrimonjali għandha valur ta' €750,000;
- Illi skont il-perit tekniku nominat minn din il-Qorti l-valur komplessiv tax-xogħolijiet tal-iżvilupp li saru in konnessjoni mad-dar in kwistjoni

[146] fol 1555

jammontaw għall- tnejn u ħamsin elf tmien mija u ħamsin Ewro (€52,850). F'dan is-sens il-Qorti tirriproduċi testwalment dak li qal il-perit tekniku fit-tweġiba tad-domanda in eskussjoni tal-attriċi – "*B'hekk l-istima globali tax-xogħolijiet li saru in konnessjoni mal-iżvilupp ta' din il-proprjeta* ***bil-prezzijiet li kienu applikabbli fis-sena 1986*** *tekwivali għal* ***€52, 850"***

- Illi huwa fatt li din id-dar hija d-dar matrimonjali.
  (Emfasi u sottolinear tal-Qorti).

Illi l-Qorti tirrileva s-segwenti:

Illi jsewgi għalhekk li ladarba d-dar matrimonjali ġiet mibnija fuq l-art parafernali tal-attriċi, l-istess dar hija l-propjeta` parafernali tal-attriċi.
Illi nonostante dak kollu li jallega u jissottometti l-konvenut, dak li ġie ppruvat sodisfaċentement għall-Qorti huwa li biss li l-iżvilupp tad-dar saret bil-ħila u bil-flus tal-konvenut. Il-Qorti tinnota li skont dak li jixhed il-konvenut fl-affidavit tiegħu, l-iżvilupp senjatament il-bini tad-dar matrimonjali swietlu sebat elef Liri Maltin (Lm7000), madanakollu fl-affidavit tiegħu huwa jallega li qabel iż-żwieġ kien effettivament nefaq Lm 25,000 u sellef sitt elef Liri Maltin. Il-Qorti tinnota li l-konvenut ma ġab l-ebda prova in sostenn ta' dan, peress li ma esebixxa l-ebda dokumenti mal-affidavit tiegħu kuntrarjament għal dak iddikjarat minnu.

Apparti dan kollu ma ġie ppreżentat l-ebda prova ċara u konkreta in sostenn tal-allegazzjoni tal-konvenut li fiż-żwieġ sar xi investiment f'dan il-fond. Fl-affidavit tiegħu minkejja li jiddikjara li kien qiegħed anki jehmeż dokumenti ta' spejjeż li saru matul iż-żwieġ, il-Qorti tinnota li l-ebda dokument ma ġie esebit mal-affidavit in kwistjoni. Oltre` minn hekk il-Qorti tirrileva li minn naħa tiegħu, il-konvenut ma ppreżenta l-ebda domandi in eskussjoni tal-perit tekniku u lanqas ma talab xi kjarifka ulterjuri għar-risposti tal-perit tekniku fuq id-domandi in eskussjoni tal-attriċi.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi grazzi għal din il-propjeta li ġiet iddonata lill-martu huwa ma kellux djun jew jonfoq flejjes sabiex jakkwista fond biex jistabilixxu l-ħajja matrimonjali tagħhom. Oltre` minn hekk huwa uża dan il-fond bħala residenza għall-iktar minn erbgħin (40) sena, u użaha wkoll meta kellu bżonn bħala garanzija tan-negozju ta' Tal-Prim & Co ġja Tal-Prim Limited.

Illi l-Qorti tara li ma hemm l-ebda ħtieġa għall-bejgħ tal-proprjeta tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan peress li hemm biżżejjed assi biex issir diviżjoni bejn il-partijiet, lanqas m'hemm il-ħtieġa li jkun hemm il-bejgħ u/jew diviżjoni tad-dar matrimonjali ladarba din hija parafernali tal-attriċi.

Il-Qorti tara li dak li huwa dovut lill-konvenut huwa r-rifużjoni tal-flejjes li nefaq, u ċioe`, l-ammont hekk kif illikwidat mill-espert tekniku Robert Musumeci fl-

ammont ta' tnejn u ħamsin elf tmien mija u ħamsin Ewro (€52,850) rappreżentanti valur ta' kostruzzjoni u finishes interni u esterni[147] u għaldaqstant permezz ta' din is-sentenza, din id-dar ma titqiesx iktar bħala d-dar matrimonjali u l-konvenut ma jibqalu l-ebda jedd li jkompli jgħix fil-proprjeta parafernali tal-attriċi u konsegwentement għandu jivvaka minn hemm fit-terminu ordnat minn din il-Qorti.

Għalhekk u għar-raġunijiet indikati f'din is-sezzjoni il-Qorti qed tiddikjara li d-dar Numru X ġewwa Triq X, Ħal-Lija m'għandhiex iktar titqies bħala d-dar matrimonjali u tiddikjara wkoll li din hija l-proprjeta` parafernali tal-attriċi bi kreditu favur il-konvenut mill-attriċi fl-ammont ta' €52,850.

Dan stabbilit il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-proprjeta` oħra *ossia* l-għalqa li saret referenza għaliha f'dawn il-proċeduri. L-attriċi rreferiet għall-għalqa denominata tan-*Nannu,* f'żona magħrufa bħal ta Ħal Mann, u li akkwistat permezz ta' żewġ kuntratti ta' donazzjoni li ġew esebiti in atti.

Il-Qorti tinnota li filwaqt li jidher li bejn il-partijiet kien hemm kwistjoni fuq din l-għalqa ukoll, u dan tant li saret kawżafl-ismijiet C B vs A B et Rik Nru 554/19, hekk kif jirriżulta minn Dok AG 2 in atti a fol 1335, u liema kawża ġiet trasatta in segwitu għall-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni u assenjazzjoni datata 28 ta' Jannar, 2020 in Atti tan-Nutar Keith Zammit, fejn il-partijiet (attriċi *donor* u konvenut *assignor)* taw din il-proprjeta lill-uliedhom, bid-drittijiet favur il-partijiet hekk kif naxxenti minn dan il-kuntratt. In vista ta' dan u anki in vista ta' dak sottomess mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li din il-propjeta ossia għalqa Tan-Nannu ingħatat b'titolu ta' donazzjoni lill-ulied tal-partijiet. Għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-proprjeta`.

***Likwidazzjoni u Assenjazzjoni tal-Assi Formanti Parti Mill-komunjoni tal-Akkwisti***

***A. Immobbli u Ishma formanti parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti***.

Illi skont dak li jirriżulta mill-provi dawn l-assi jikkonsistu fis-segwenti:

1. Ħanut f'Tal-Prim Buildings fi Triq il-Knisja, Ħaz-Żebbuġ valur ta' €65,000;

[147] *vide tweġibiet għad-domandi in eskussjoni*

2. Garaxx fi Triq X, Lija – garaxx li jikkomoda żewġ vetturi tad-daqs medju wara xulxin, - €50,000;

3. Basement fi Triq il-Knisja Ħaż-Żebbuġ – €10,000;

4. Arja tal-appartament *X*, Triq X, Bugibba- **€140,000** jekk kemm-il darba m'hemm ebda servitu li jillimita l-iżvilupp ta' l-arja għal żewġ sulari. Jew **€ 70,000** jekk kemm-il darba jirriżulta li hemm servitu li jillimita l-iżvilupp ta' l-arja għal sular.

5. Isħma fis-soċjeta Tal-Prim & Co:
Hawnhekk isir referenza għar-rapport tal-perit komputista William Spiteri Bailey li attribwixxa l-valur ta'€101,123 għas-16.67% f'Tal-Prim & Co – liema 16.67% huma isħma tal-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tinnota li hemm qbil bejn il-paritjiet fuq l-konsistenza tal-assi suriferiti u dan jirriżulta mhux biss mill-fatt li ħadd minnhom ma' kkontradixxa dak li ġie kkonstatat mir-rapporti tal-periti esperti nominati, iżda wkoll minn dak li ġie sottomess mill-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom.

Dan stabbilit il-Qorti tgħaddi sabiex tillikwida l-istess f'żewġ porzjonijiet intestati *Porzjoni A* assenjabbli lill-attriċi in rappreżentanza ta' sehemha mill-assi immobbli u ishma tal-komunjoni tal-akkwsiti, u Porzjon B assenjabbli lill-konvenut in rappreżentanza ta' sehemu mill-assi immobbli u ishma tal-komunjoni tal-akkwisti:

***Porzjon A***

1. Il-ħanut bla numru u bla isem li qiegħed fil-groundfloor level, presentement mikri bħala uffiċju għal tlett elef Euro fis-sena (€3000) li jinsab fi Triq il-X, Ħaż-Żebbuġ, Malta liema ħanut jifforma parti minn blokk bini bla numru u bl-isem Tal-Prim Buildings, fi Triq il-Knisja, Ħaż-Żebbuġ, altrimenti liberu u frank, liema proprjeta inxtrat mingħand is-soċjeta` Tal-Prim Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tas-26 t'Ottubru, 2000, liema propjeta ġiet ivvaultata mill-perit tekniku fl-ammont ta' **€65,000;**
2. Il-garaxx bla isem u bla numru li jinsab fil-groundfloor level, aċċessibbli minn drive-in komuni ma *garages* oħra, liema *drive-in* tiżbokka fi Triq X, Ħal Lija u liema garaxx huwa sottostanti propjeta` ta' terzi. Din il-proprjeta inxtrat mingħand PAS Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tal-1 ta' Diċembru, 2005, u liema garaxx ġie ivvalutat mill-perit tekniku fl-ammont ta' **€50,000**

**B'hekk Porzjon A assenjata lill-attriċi għandha valur komplessiv ta' €115,000**

***Porzjon B***

1. Il-kamra bla numru u bla isem li qiegħda fil-*basement level* li tinsab taħt rampa u hija aċċessibbli minn bieb bla numru u bla isem fi Triq il-Knisja Ħaż-Żebbuġ, Malta, u tifforma parti minn blokk bla numru u bl-isem Tal-Prim Buildings, fi Triq il-Knisja Ħaż-Żebbuġ, Din il-propjeta` inxtrat mingħand is-soċjeta tal-Prim Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tad-19 ta' Diċembru 2005, li skont il-valutazzjoni tal-perit tekniku ġiet vvalutata għall-prezz **ta' €10,000;**

2. L-arja ta' blokk appartamenti, liema blokk huwa mingħajr numru uffiċjali u bl-isem 'X fi Triq X, Bugibba. il-blokk ta' appartamenti li minnha din l-arja tifforma parti, ġie mibni fuq art li inxtrat mill-Prebenda ta' Ħal-Safi skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba tal-25 ta' Ġunju 1990. Skont il-perit tekniku jekk kemm-il darba jirriżulta li hemm servitu li jillimita l-iżvilupp ta' l-arja għal sular il-valur tal-arja tkun **ta' €70,000, jekk kemm il-darba m'hemm ebda servitu li jillimita l-iżvilupp tal-arja għal żewġ sulari, b'valur ta' €140,000**. Il-Qorti tinnota li nonostante dak li jgħid il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-partijiet ma ressqu l-ebda prova dwar is-servitu o meno. In vista tal-fatt li l-Qorti hija sprovvista minn din il-prova ser tieħu in konsiderazzjoni l-valur ta' sebgħin elf **(€70,000**) għall-finijiet tal-komputazzjonijiet tal-valur tal-porzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

3. L-ishma li l-partijiet għandhom fis-soċjeta Tal-Prim & Co u ċioe is-16.67% u l-business tal-istess soċjeta, bil-valur kif stmat mill-perit komputista fl-ammont ta' **€101,123**

B'hekk il-porzjoni assenjat lill-konvenut għandu valur komplessiv fl-ammont ta' **€181,123**

Illi għalhekk u kif jirriżulta mis-suespost il-valur komplessiv tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jammontaw għall-mitejn sitta u disgħin elf u mija tlieta u għoxrin Ewro **(€296,123)** u jekk dan l-ammont kellu jiġi diviż ugwalment kull-parti għandu jispicca b'sehem li għandu valur ta' mija tmienja u erbgħin elf u wieħed u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€148, 061.50c). Illi is-sehem assenjat lill-attriċi huwa ferm inferjuri għas-sehem assenjat lill-konvenut u għalhekk il-konvenut għandu jħallasha (lill-attriċi) s-somma ta' tlieta u tletin

elf u mija u wieħed u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€33,160) in via ta' ekwiparazzjoni.

Madanakollu u kif jirriżulta mis-suespost, minn naħa tagħha l-attriċi għandha tagħti lill-konvenut il-kreditu dovut lilu rigward l-ispejjeż li huwa għamel fuq il-proprjeta` parafernali tagħha hekk illikwidat mill-perit tekniku fl-ammont ta' tnejn u ħamsin elf u tmien mija u ħamsin Ewro (€52,850).

Għaldaqstant u peress li hija l-attriċi, u mhux il-komunjoni tal-akkwsiti li għandha tħallas dan l-ammont lill-konvenut fl-ammont ta' tnejn u ħamsin elf tmien mija u ħamsin Ewro (€52, 850), u peress li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi l-ammont ta' tlieta u tletin elf u mija u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€33,160.50) in via ta' ekwiparazzjoni, jibqa' bilanċ dovut mill-attriċi lill-konvenut fl-ammont ta' dsatax-il elf sitt mija u disgħin Ewro **(€19,690).**

Għaldaqstant il-Qorti tordna lill-attriċi sabiex tħallas lill-konvenut is-somma ta' dsatax-il elf sitt mija u disgħin Ewro **(€19,690)** fi żmien xahrejn minn meta s-sentenza tgħaddi in ġudikat bl-imgħax legali li jibda jiddekorri minn dakinar sal-ħlas effettiv.

In oltre` u fir-rigward tal-proprjeta` assenjata lill-attriċi f'Porzjon A, *ossia* l-ħanut mikrija lill-terzi f'Ħaż-Żebbuġ, u speċifikatament fir-rigward tal-kera hekk pagabbli, l-ammont ta' kera sakemm din is-sentenza tgħaddi in ġudikat hija pagabbli liż-żewġ partijiet fi kwoti indaqs, u sussegwentement pagabbli lill-attriċi waħedha ladarba din il-propjeta` ġiet assenjata lilha u għalhekk hija s-sid assolut ta' din il-proprjeta`.

***B.Kontijiet Bankarji***

Illi l-Qorti tagħmel referenza għall-provi kollha prodotti fuq il-kontijiet bankarji tal-partijiet u dak sottomess mill-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom.

In vista ta' dak sottomess mill-partijiet, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm kull kont bankarju ma' kwalunkwe bank intestat f'ismu personali u għalhekk tordna li l-attriċi għandha tiġi assenjata kull tip ta' kont bankarju operattiv f'isimha personali filwaqt li l-konvenut għandu jiġi assenjat kull tip ta'kont bankarju operattiv f'ismu personali, u dan irrispettivament jekk f'dawn il-kontijiet bankarji hekk assenjati hemmx bilanċi posittivi jew bilanċi neBivi. Madanakollu l-Qorti tordna wkoll li l-konvenut għandu jiġi assenjat id-dejn li hemm fl-*overdraft account* mal-APS Bank plc kont numru 2000018389-4

li skont l-aħħar statement tal-Bank fil-25 ta' Mejju 2021 kien fih bilanċ ta' €2,707.37c u dan mingħajr ebda rimbors mingħand l-attriċi.

***C.Mobbli u Mobbli Parafernali***

b'referenza għal mobbli lii jinsabu fid-dar matrimonjali l-Qorti tinnota li l-partijiet kienu skjetti ħafna fuq dawn l-oġġetti. Mandanakollu jirriżulta mhux okkontestat li l-kċina bl-*appliances* kollha; il-kamra tas-sodda tal-partijiet u l-kamra tas-sodda tal-ulied kienu nxtraw minn omm l-attriċi huwa għalhekk din il-Qorti illi dawn għandhom jiġu assenjati lill-attriċi mingħajr ebda kumpens a favur il-konvenut.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-partijiet li l-konvenut kellu diversi biċċiet ta' għamara antika kif ukoll inċiżjonijiet li jinsabu ġod dar marimonjali, liema mobbli il-Qorti tordna li għandhom jiġu assenjati lill-konvenut mingħajr l-ebda kumpens a favur l-attriċi.

***D.Vetturi***

Il-Qorti tinnota li l-partijiet huma proprjetarji ta' żewġ vetturi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, *ossia* l-vettura *Honda CRV* bit-targa ta' reġistrazzjoni numru DBN - 362 reġistrata f'isem il-konvenut u il-vettura Van Isużu Pickup bit-targa ta' reġistrazzjoni numru GAO 109 ukoll reġistrat f'isem il-konvenut. Ma tressqux provi fuq il-valuri tal-istess.

In oltre` l-Qorti ttosserva li fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, iż-żewġ partijiet qegħdin jissuġerixxu li iż-żewġ vetturi għandhom jiġu assenjati lill-konvenut. In vista ta' dan is-suġġeriment unanimu il-Qorti tordna li dawn iż-żewġ vetturi u kull ammont dovut fuq l-istess vetturi, inkluż il-ħlas fuq ċitazzjonijiet, assikurazzjonijiet, liċenzji u arretrati tal-istess jiġu assenjat lill-konvenut.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-miżżewġin B, stante li l-ħajja ta’ bejn il-partijiet m’għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b’mod irrimedjabbli, b’dana ukoll minħabba li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ hija attribwibbli lill-konvenut u dan għar-raġunijiet mogħtija f’din is-sentenza fis-sezzjoni intestata *Responsabbilta` Għat-Tifrik taż-Żwieġ* ai termini tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili ta’ Malta.

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li llum it-tifel G B għalaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena.

3. *Rebus Sic stantibus* tiċħad it-tielet talba għar-raġunijiet mogħtija fis-sezzjoni intestata *Manteniment* f’paragrafu (b);

4. Tilqa’ ir-raba` talba attriċi u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Tilqa’ il-ħames talba billi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’effett millum u konsegwentement tordna li millum ‘il quddiem iż-żwieġ tagħhom hu regolat permezz tar-reġim tas-separazzjoni tal-beni u in oltre`tordna li il-ġid formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, li qed jiġi xolt b’effett illum stess, għandu jiġi diviż skont dak deċiż u ordnat fis-sezzjoni ta’ din is-sentenza intestata: *Likwidazzjoni u Assenjazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.*

6. Tilqa’ is-sitt u s-seba` talba tal-attriċi billi tiddikjara li l-fond residenzjali ġja matrimonjali tal-proprjeta u ċioe l-fond X Triq X Ħal Lija hija l-propejta` parafernali tal-attriċi u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex jivvaka fi żmien ta’ xahar (1) mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

7. Tilqa’ it-tmien talba billi tordna lill-partijiet sabiex jivvakaw minn kull proprjeta` li qabel illum kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u permezz ta’ din is-sentenza ġiet assenjata lill-parti jew oħra skont dak deċiż fis-sezzjoni ta’ din is-sentenza intestata *Likwidazzjoni u Assenjazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti,* u dan sa mhux aktar tard minn xahar midd-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

8. Tilqa’ d-disa` talba u konsegwentement tinnomina lin-nutar Dr Sean Critien u tordna lill-istess Nutar sabiex jirċievi u tippubblika l-att relattiv billi tinkorpora dak kollu li jirriżulta mill-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ordnata permezz ta’ din is-sentenza in segwitu għall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwsiti skont dak deċiż fis-sezzjoni intestata *Likwidazzjoni*

*tal-Komunjoni tal-Akkwisti*. Għal dan il-għan il-Qorti tinnomina wkoll lil Dr. Mark Mifsud J  bħala kuratur għall-eventwali kontumaċja.

9. Tilqa' l-għaxar talba tal-attriċi u tawtorizzaha sabiex tirreġistra din is-sentenza billi tinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Bl-Ispejjeż tal-awditur William Spiteri Bailey u tal-perit tekniku Robert Musumeci jitħallsu fi kwoti ugwali bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż kollha l-oħra ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenut.